ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 287

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 54

4 ta' Novembru 2011

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar ir-regoli ta' aċċess għas-servizz pubbliku regolat offrut mis-sistema dinjija ta' navigazzjoni bis-satellita li ġiet stabbilita taħt il-programm Galileo** ..... 1

★ **Deċiżjoni Nru 1105/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar li jintitolaw lid-detentur jaqsam il-fruntieri esterni u li jistgħu jkunu approvati b'viża u dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-istabbiliment ta' din il-lista** ... 9

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1106/2011 tal-20 ta' Ottubru 2011 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 57/2011 u (KE) Nru 754/2009 fir-rigward tal-protezzjoni tal-ispeċi pixxiplamtu, ċerti TACs u ċerti limiti tal-isforz tas-sajd stabbiliti għall-Ġermanja u l-Irlanda** ..... 13

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1107/2011 tat-28 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi projbizzjoni fuq is-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana f'NAFO 3L min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Latvja** ..... 17

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 3**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1108/2011 tat-28 ta' Ottubru 2011 li jidderoga mir-Regolamenti (KE) Nru 2058/96, (KE) Nru 2305/2003, (KE) Nru 969/2006, (KE) Nru 1918/2006, (KE) Nru 1964/2006, (KE) Nru 1067/2008 u (KE) Nru 828/2009 fir-rigward tad-dati għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-ħruġ tal-liċenzji ta' importazzjoni fl-2012 fil-kuntest tal-kwoti tariffarji għaċ-ċereali, ir-ross, iz-zokkor u ż-żejt taż-żebbuġa, u li jidderoga mir-Regolamenti (KE) Nru 382/2008, (KE) Nru 1518/2003, (UE) Nru 1178/2010, (UE) Nru 90/2011 u (KE) Nru 951/2006 fir-rigward tad-dati tal-ħruġ tal-liċenzji ta' esportazzjoni fl-2012 fl-oqsma tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella, tal-laħam tal-majjal, tal-bajd, tal-laħam tat-tjur, u taz-zokkor u tal-isoglukożju li jaqbżu l-kwota** ........ 19

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1109/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2075/2005 rigward il-Metodi Ekwivalenti għall-ittestjar tat-*Trichinella*** ([1]) ........ 23

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1110/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni enżimatika ta' endo-1,4-beta-ksinalażi prodotta minn *Trichoderma reesei* (CBS 114044), addittiv fl-għalf għat-tiġieġ li jbidu, speċi minuri tat-tjur u ħnieżer għat-tismin (detentur tal-awtorizzazzjoni Roal Oy)** ([1]) ........ 27

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1111/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 dwar l-awtorizzazzjoni tal-*Lactobacillus plantarum* (NCIMB 30236) bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali** ([1]) ........ 30

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1112/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 dwar l-entrata għall-Paragwaj fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji u partijiet minnhom awtorizzati biex jintroduċu fl-Unjoni ċertu laħam frisk** ([1]) ........ 32

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1113/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ........ 34

DEĊIŻJONIJIET

2011/721/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Novembru 2011 li tagħti deroga mitluba mill-Italja fir-rigward tar-Reġjuni tal-Emilia Romagna, il-Lombardia, il-Piemonte u l-Veneto skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli** *(notifikata bid-dokument numru C(2011) 7770)* ........ 36

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI Nru 1104/2011/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-25 ta' Ottubru 2011**

**dwar ir-regoli ta' aċċess għas-servizz pubbliku regolat offrut mis-sistema dinjija ta' navigazzjoni bis-satellita li ġiet stabbilita taħt il-programm Galileo**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 172 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) ([3]) jipprevedi fl-Anness tiegħu li l-għanijiet speċifiċi tal-programm Galileo jikkonsistu li jiġi żgurat li s-sinjali li titfa' s-sistema stabbilita taħt dak il-programm jkunu jistgħu jintużaw b'mod partikolari biex jiġi offrut servizz pubbliku regolat ("SPR") riżervat għal utenti awtorizzati mill-gvernijiet, għal applikazzjonijiet sensittivi li jeħtieġu kontroll effikaċi tal-aċċess u livell għoli ta' kontiwità ta' servizz.

(2) Filwaqt li hemm dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 683/2008 li japplikaw ukoll għas-servizzi, inkluż is-SPR, elenkati fl-Anness tiegħu, fid-dawl tar-rabtiet bejn is-sistema stabbilita taħt il-programm Galileo u s-SPR minn perspettiva ġuridika, teknika, operattiva, finanzjarja u dik relattiva għad-dritt ta' proprjetà, huwa xieraq li r-regoli rilevanti dwar l-applikazzjoni tar-regolamenti tas-sigurtà jiġu riprodotti għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni.

(3) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fakkru bosta drabi li s-sistema stabbilita taħt il-programm Galileo hija sistema ċivili taħt kontroll ċivili, jiġifieri stabbilita skont standards ċivili minn eżiġenzi ċivili u taħt il-kontroll tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

(4) Il-programm Galileo huwa ta' importanza strateġika għall-indipendenza tal-Unjoni fir-rigward tas-servizzi ta' navigazzjoni bis-satellita, ta' pożizzjonament u ta' kronometraġġ u joffri kontribut importanti għall-implimentazzjoni tal-istrateġija "Ewropa 2020" għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

(5) Fost is-servizzi diversi offruti mis-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita, is-SPR huwa s-servizz kemm l-aktar sikur kif ukoll l-aktar sensittiv u għaldaqstant huwa idoneu għas-servizzi li fihom jeħtieġ li jkunu żgurati solidità u affidabbiltà totali. Huwa għandu jiżgura, għall-benefiċċju tal-utenti tiegħu, kontinwità ta' servizz anke fis-sitwazzjonijiet ta' kriżi l-aktar serji. Il-konsegwenzi ta' infrazzjoni tar-regoli ta' sigurtà waqt l-użu ta' dan is-servizz m'għandhomx ikunu limitati għall-utent ikkonċernat, iżda għandhom jiġu estiżi potenzjalment għal utenti oħra. L-użu u l-ġestjoni tas-SPR għalhekk għandhom jaqaw taħt ir-responsabbiltà komuni tal-Istati Membri għas-sigurtà tal-Unjoni u s-sigurtà tagħhom stess. F'dan il-kuntest, l-aċċess għas-SPR għandu jkun limitat b'mod strett għal ċerti kategoriji ta' utenti li jkunu suġġetti għal monitoraġġ kontinwu.

(6) Għalhekk jeħtieġ li jiġu definiti r-regoli ta' aċċess għas-SPR u tar-regoli ta' ġestjoni tiegħu, partikolarment billi jiġu speċifikati b'mod partikolari l-prinċipji ġenerali relatati ma' dan l-aċċess, il-funzjonijiet tal-entitajiet ta' ġestjoni u ta' kontroll diversi, il-kundizzjonijiet marbuta mal-manifattura u mas-sigurtà tar-riċevituri, u s-sistema tal-monitoraġġ tal-esportazzjonijiet.

([1]) ĠU C 54, 19.2.2011, p. 36.
([2]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2011 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2011
([3]) ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1.

(7) Fir-rigward tal-prinċipji ġenerali tal-aċċess għas-SPR, fid-dawl tal-għan stess ta' dan is-servizz u l-karatteristiċi tiegħu, l-użu tiegħu għandu jkun strettament riżervat, u l-Istati Membri, il-Kunsill, il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ("SEAE") għandhom jingħataw aċċess b'mod diskrezzjonali, illimitat u mhux interrott fil-partijiet kollha tad-dinja. Barra minn hekk, kull Stat Membru għandu jkun jista' jieħu deċiżjoni sovrana dwar liema utenti tas-SPR ikunu awtorizzati u liema użi jsiru minnu, inklużi l-użi marbuta mas-sigurtà, b'mod konformi mal-istandards minimi komuni.

(8) Sabiex jiġi promoss l-użu tat-teknoloġija Ewropea fil-partijiet kollha tad-dinja, għandu jkun possibbli għal ċerti pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali li jsiru parteċipanti fis-SPR permezz ta' ftehimiet separati konklużi magħhom. Għall-applikazzjonijiet governattivi sikuri fir-rigward tar-radjunavigazzjoni bis-satellita, il-kundizzjonijiet li taħthom pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali jkunu jistgħu jużaw is-SPR għandhom jiġu previsti fi ftehimiet internazzjonali u dan għandu jinftiehem li r-rispett tal-eżiġenzi ta' sigurtà għandhom ikunu dejjem obbligatorji. Fil-kuntest ta' ftehimiet bħal dawn, għandha jkun possibbli li tkun permessa l-manifattura ta' riċevituri tas-SPR taħt kundizzjonijiet u rekwiżiti speċifiċi, kemm-il darba dawn ikunu f'livell li jkun tal-anqas ekwivalenti għall-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti applikati għall-Istati Membri. Iżda, dawn il-ftehimiet ma għandhomx jinkludu materji partikolarment sensittivi mil-lat tas-sigurtà bħall-manifattura tal-moduli ta' sigurtà.

(9) Huwa meħtieġ li l-ftehimiet ma' pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali jkunu nnegozjati filwaqt li titqies bi sħiħ l-importanza li jiġu żgurati r-rispett tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt, tal-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, u tal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon kif ukoll tal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni, tad-dinjità umana, tal-prinċipji ta' ugwaljanza u ta' solidarjetà, u r-rispett tal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-liġi internazzjonali.

(10) Ir-regolamenti ta' sigurtà tal-Aġenzija Spazjali Ewropea għandhom joffru livell ta' protezzjoni tal-anqas ekwivalenti għal dik mogħtija mir-regoli dwar is-sigurtà kif stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom [1] u mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/292/UE tal-31 ta' Marzu 2011 dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE [2].

(11) L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jiżguraw is-sikurezza u s-sigurtà kemm tas-sistema stabbilita taħt il-programm Galileo kif ukoll tat-teknoloġija u t-tagħmir tas-SPR, sabiex jevitaw l-użu tas-sinjali maħruġa għas-SPR minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi mhux awtorizzati, u sabiex jimpedixxu l-użu ostili tas-SPR kontrihom.

(12) Huwa importanti f'dan ir-rigward li l-Istati Memri jiddeterminaw is-sistema ta' pieni applikabbli fil-każ ta' non-konformità mal-obbligi li jirriżultaw minn din id-Deċiżjoni u jiżguraw li dawn il-pieni jkunu applikati. Dawn il-pieni għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi.

(13) Fir-rigward ta' entitajiet ta' ġestjoni u ta' kontroll, jidher li l-aqwa mod għall-ġestjoni effikaċi tal-użu tas-SPR ikun arranġament li bih il-parteċipanti fis-SPR jaħtru "awtorità kompetenti tas-SPR" li tkun responsabbli għall-ġestjoni u l-kontroll tal-utenti, billi tiffaċilita r-relazzjonijiet bejn il-partijiet interessati diversi responsabbli għas-sigurtà u billi tiżgura kontroll permanenti tal-utenti pubbliċi, b'mod partikolari tal-utenti nazzjonali, f'konformità mal-istandards minimi komuni. Madankollu, għandu jkun hemm flessibiltà sabiex ikun possibbli għall-Istati Membri li jorganizzaw ir-responsabilitajiet b'mod effiċjenti.

(14) Fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, kwalunkwe pproċessar tad-data personali għandu jsir f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, kif stabbilit, partikolarment, fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [3] u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) [4].

(15) Barra minn hekk, waħda mill-funzjonijiet taċ-Ċentru ta' Sigurtà Galileo ("iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo" jew iċ-"ĊMSG") msemmija fl-Artikolu 16(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 683/2008 għandha tkun li tinżamm interazzjoni operattiva bejn il-partijiet interessati differenti responsabbli għas-sigurtà tas-SPR.

(16) Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà huma meħtieġa li jkollhom rwol fil-ġestjoni tas-SPR, permezz tal-applikazzjoni tal-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/552/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar aspetti tal-operazzjoni tas-sistema Ewropea tar-radjunavigazzjoni bis-satellita li jaffettwaw s-sigurtà tal-Unjoni Ewropea [5]. Il-Kunsill għandu japprova ftehimiet internazzjonali li jawtorizzaw lil xi pajjiż terz jew lil xi organizzazzjoni internazzjonali li jużaw is-SPR.

[1] OJ L 317, 3.12.2001, p. 1.
[2] ĠU L 141, 27.5.2011, p. 17.
[3] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
[4] ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.
[5] ĠU L 246, 20.7.2004, p. 30.

(17) Fir-rigward tal-manifattura u s-sigurtà tar-riċevituri, ir-rekwiżiti ta' sigurtà jeħtieġu li dan il-kompitu jkun fdat biss f'idejn Stat Membru li jkun ħatar awtorità kompetenti tas-SPR jew f'idejn impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru li jkun ħatar awtorità kompetenti tas-SPR. Barra minn hekk, il-manifattur tar-riċevituri għandu jkun ġie awtorizzat kif jisthoqq mill-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għas-sistemi GNSS Ewropej stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 912/2010 [1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà") u għandu jikkonforma mad-deċiżjonijiet tiegħu. Hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti tas-SPR li jimmonitorjaw kontinwament il-konformità kemm ma' dak ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni u dawk id-deċiżjonijiet kif ukoll mar-rekwiżiti tekniċi partikolari li jirriżultaw mill-istandards minimi komuni.

(18) Stat Membru li ma jkunx ħatar awtorità kompetenti tas-SPR għandu f'kull każ jaħtar punt ta' kuntatt għall-ġestjoni ta' kwalunkwe interferenza elettromanjetika dannuża li tiġi skoperta u li tolqot is-SPR. Dak il-punt ta' kuntatt għandu jkun persuna fiżika jew ġuridika li jkollha rwol ta' punt ta' rappurtar, jew indirizz, li l-Kummissjoni tkun tista' tikkuntattja fejn ikun hemm interferenza elettromanjetika potenzjalment dannuża bil-għan li tirrimedja tali interferenza.

(19) Fir-rigward ta' restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, l-esportazzjonijiet 'il barra mill-Unjoni ta' tagħmir jew teknoloġiji u software relatati mal-użu tas-SPR u relatati mal-iżvilupp u l-manifattura tas-SPR, indipendentement mill-fatt jekk dak it-tagħmir, dak is-software jew dik it-teknoloġija humiex elenkati fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju [2], għandhom jiġu ristretti għal dawk il-pajjiżi terzi li jkunu debitament awtorizzati biex ikollhom aċċess għas-SPR taħt ftehim internazzjonali mal-Unjoni. Pajjiż terz li fit-territorju tiegħu jkun hemm stabbilit stazzjon ta' referenza li jakkomoda xi tagħmir tas-SPR u li jifforma parti mis-sistema stabbilita taħt il-programm Galileo ma għandux jitqies bħala parteċipant fis-SPR fuq il-bażi ta' dan il-fatt biss.

(20) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'mod konformi mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-istandards minimi komuni fl-oqsma stabbiliti fl-Anness u, jekk ikun meħtieġ, li taġġornah u temendah sabiex jitqiesu l-iżviluppi fil-programm Galileo. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adegwati matul ix-xogħol ta' preparazzjoni tagħha, anke fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(21) Minħabba l-impatt potenzjali tagħhom fuq is-sigurtà tas-sistema stabbilita taħt il-programm Galileo, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, kemm individwalment kif ukoll kollettivament, huwa essenzjali li jkunu applikati uniformement f'kull Stat Membru regoli komuni dwar l-aċċess għas-SPR u l-manifattura ta' riċevituri tas-SPR u ta' moduli ta' sigurtà. Għaldaqstant huwa neċessarju li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta rekwiżiti dettaljati, linji gwida u miżuri oħrajn bil-għan li tagħti effett lill-istandards minimi komuni. Bil-għan li jkunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, għandhom ikunu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni [3].

(22) Il-verifiki u l-ispezzjonijiet li għandhom isiru mill-Kummissjoni bl-għajnuna tal-Istati Membri għandhom, skont il-każ, isiru b'mod simili għal dak previst fil-parti VII tal-Anness III tad-Deċiżjoni 2011/292/UE.

(23) Ir-regoli ta' aċċess għas-SPR offrut mis-sistema stabbilita taħt il-programm Galileo huma prerekwiżit għall-implimentazzjoni tas-SPR. Il-Kummissjoni għandha tanalizza jekk għandhiex tkun stabbilita politika tariffarja għas-SPR, ukoll fir-rigward ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, u għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżitu ta' dik l-analiżi.

(24) Ladarba l-għan ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri li tistabbilixxi r-regoli li taħthom l-Istati Membri, il-Kunsill, il-Kummissjoni, is-SEAE, l-aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jkollhom aċċess għas-SPR, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista', minħabba d-daqs tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tieħu miżuri b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà msemmi fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan.

(25) Malli s-SPR jiġi ddikjarat operattiv, għandu jitwaqqaf mekkaniżmu ta' rappurtar u reviżjoni,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-regoli li taħthom l-Istati, il-Kunsill, il-Kummissjoni, *is-SEAE*, l-aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jkollhom aċċess għas-servizz pubbliku regolat (*SPR*) ipprovdut mis-sistema dinjija ta' navigazzjoni bis-satellita li ġiet stabbilita taħt il-programm Galileo.

[1] ĠU L 276, 20.10.2010, p. 11.
[2] ĠU L 134, 29.05.2009, p. 1.
[3] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "parteċipanti fis-SPR" tfisser l-Istati Membri, il-Kunsill, il-Kummissjoni, u s-SEAE kif ukoll l-aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, safejn dawn l-aġenziji, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet ikunu ġew debitament awtorizzati;

(b) "utenti tas-SPR" tfisser persuni fiżiċi jew ġuridiċi debitament awtorizzati minn parteċipant fis-SPR biex ikunu proprjetarji ta', jew jużaw riċevitur SPR.

*Artikolu 3*

**Prinċipji ġenerali fir-rigward tal-aċċess għas-SPR**

1. L-Istati Membri, il-Kunsill, il-Kummissjoni u s-SEAE għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-SPR b'mod illimitat u mhux interrott fil-partijiet kollha tad-dinja.

2. Kull Stat Membru, il-Kunsill, il-Kummissjoni u s-SEAE għandu jkollhom id-dritt li jiddeċiedu jekk jużawx is-SPR fil-kompetenzi rispettivi tagħhom.

3. Kull Stat Membru li juża s-SPR għandu jiddeċiedi indipendentement liema kategorija ta' persuni fiżiċi li jirrisjedu fit-territorju tiegħu jew li jaqdu dmirijiet uffiċjali barra mit-territorju tiegħu f'isem dak l-Istat Membru u ta' persuni ġuridiċi stabbiliti fit-territorju tiegħu ikunu awtorizzati bħala utenti tas-SPR, kif ukoll dwar l-użi li jsiru mis-SPR, f'konformità mal-Artikolu 8 u l-punt 1(i) u (ii) tal-Anness. Dawn l-użi jistgħu jinkludu użi relatati mas-sigurtà.

Il-Kunsill, il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom jiddeċiedu liema kategorija tal-aġenti tagħhom ikunu awtorizzati bħala utenti tas-SPR, f'konformità mal-Artikolu 8 u l-punt 1(i) u (ii) tal-Anness.

4. L-aġenziji tal-Unjoni jistgħu jsiru parteċipanti fis-SPR biss sa fejn ikun meħtieġ sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom f'konformità ma-r-regoli stabbiliti fi ftehim amministrattiv konkluż bejn il-Kummissjoni u l-aġenzija konċernata.

5. Pajjiżi terzi jew organizzazzjoni internazzjonali jistgħu jsiru parteċipanti fis-SPR biss fejn, f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jidħlu fiż-żewġ ftehimiet li ġejjin bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz konċernat jew l-organizzazzjoni internazzjonali konċernata:

a) ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni li jiddefinixxi l-qafas għall-iskambju u l-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata, u li jipprovdi grad ta' protezzjoni tal-anqas ekwivalenti għal dak tal-Istati Membri;

b) ftehim li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet tar-regoli dettaljati ta' aċċess għas-SPR mill-pajjiż li mhuwiex Membru jew mill-organizzazzjoni internazzjonali; tali ftehim jista' jinkludi l-manifattura, taħt kundizzjonijiet speċifiċi, ta' riċevituri tas-SPR, għajr għall-moduli ta' sigurtà.

*Artikolu 4*

**Applikazzjoni tar-regoli ta' sigurtà**

1. Kull Stat Membru għandu jiggarantixxi li r-regolamenti nazzjonali tiegħu ta' sigurtà joffru grad ta' protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-anqas ekwivalenti għal dik mogħtija mir-regoli dwar is-sigurtà kif stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom u fid-Deċiżjoni 2011/292/UE u li dawk ir-regolamenti nazzjonali ta' sigurtà japplikaw għall-utenti tas-SPR tiegħu u għall-persuni fiżiċi kollha residenti fit-territorju tiegħu u għall-persuni ġuridiċi kollha stabbiliti fit-territorju tiegħu li jittrattaw informazzjoni klassifikata tal-UE relatata mas-SPR.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bl-adozzjoni tar-regoli nazzjonali ta' sigurtà msemmija fil-paragrafu 1.

3. Jekk jirriżulta li xi informazzjoni klassifikata tal-UE relatata mas-SPR ġiet żvelata lil kwalunkwe persuna mhux awtorizzata li tirċeviha, il-Kummissjoni għandha, f'konsultazzjoni totali mal-Istati Membri kkonċernati:

(a) tinforma lill-oriġinatur tad-data klassifikata tas-SPR;

(b) tagħmel stima tad-dannu potenzjali kkawżat lill-interessi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri;

(c) tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti bir-riżultati ta' dik l-istima akkumpanjata minn rakkomandazzjoni sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni; f'tali każ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bl-azzjonijiet li jkollhom il-ħsieb li jieħdu jew li jkun ħadu diġà, inkluża azzjoni mmirata lejn il-prevenzjoni ta' ripetizzjoni, kif ukoll bir-riżultati ta' dawn l-azzjonijiet; u

(d) tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skont il-każ, b'dawk ir-riżultati.

*Artikolu 5*

**Awtorità kompetenti tas-SPR**

1. Għandha tinħatar awtorità kompetenti tas-SPR:

(a) minn kull Stat Membru li juża s-SPR u kull Stat Membru li fit-territorju tiegħu hemm stabbilita kwalunkwe waħda mill-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 7(1); f'dawn il-każijiet, l-awtorità kompetenti tas-SPR għandha tkun stabbilita fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, li għandu jinnotifika l-ħatra lill-Kummissjoni mingħajr dewmien;

(b) mill-Kunsill, mill-Kummissjoni u mis-SEAE, jekk jużaw is-SPR. F'tali każ, l-Aġenzija Ewropea GNSS stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 912/2010 ("l-Aġenzija Ewropea GNSS") tista' tinħatar bħala l-awtorità kompetenti tas-SPR, skont arranġamenti xierqa;

(c) mill-aġenziji tal-Unjoni u mill-organizzazzjonijiet internazzjonali, skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 3(4) u (5); f'dawn il-każijiet, l-Aġenzija Ewropea GNSS tista' tinħatar bħala l-awtorità kompetenti tas-SPR;

(d) minn pajjiżi terzi, skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 3(5).

2. L-ispejjeż għall-funzjonament ta' awtorità kompetenti tas-SPR għandhom jitħallsu mill-parteċipanti fis-SPR li ħatruha.

3. Stat Membru li ma jkunx ħatar awtorità kompetenti tas-SPR skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu, f'kull każ, jaħtar punt ta' kuntatt għall-assistenza, kif ikun neċessarju, fir-rappurtar ta' interferenza elettromanjetika potenzjalment dannuża li tiġi skoperta u li tolqot lis-SPR. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika mingħajr dewmien tali ħatra lill-Kummissjoni.

4. Awtorità kompetenti tas-SPR għandha tiżgura li l-użu tas-SPR ikun f'konformità mal-Artikolu 8 u l-punt 1 tal-Anness u li:

(a) l-utenti tas-SPR ikunu raggruppati għall-ġestjoni tas-SPR maċ-ĊMSG;

(b) ikunu determinati u ġestiti d-drittijiet ta' aċċess għas-SPR għal kull grupp jew utent;

(c) jinkisbu miċ-ĊMSG il-kodiċijiet tas-SPR u informazzjoni klassifikata relatata oħra;

(d) jitqassmu lill-utenti l-kodiċijiet tas-SPR u informazzjoni klassifikata relatata oħra;

(e) ikunu ġestiti s-sigurtà tar-riċevituri u t-teknoloġija u l-informazzjoni klassifikati assoċjati u ssir stima tar-riskji;

(f) ikun stabbilit punt ta' kuntatt għall-assistenza, kif ikun neċessarju, fir-rappurtar ta' interferenza elettromanjetika potenzjalment dannuża li tiġi skoperta u li tolqot lis-SPR.

5. L-awtorità kompetenti tas-SPR ta' Stat Membru għandha tiżgura li entità stabbilita fit-territorju ta' dak l-Istat Membru tista' tiżviluppa jew timmanifattura biss riċevituri tas-SPR jew moduli ta' sigurtà jekk tali entità:

(a) tkun ġiet akkreditata mill-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 912/2010, u

(b) tikkonforma kemm mad-deċiżjonijiet tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà u mal-Artikolu 8 u l-punt 2 tal-Anness dwar l-iżvilupp u l-manifattura tar-riċevituri tas-SPR jew il-moduli ta' sigurtà, safejn dawn jirrigwardaw l-attività tagħha.

Kull awtorizzazzjoni ta' manifattura ta' tagħmir previst f'dan il-paragrafu għandu jiġi rivedut tal-anqas kull ħames snin.

6. Fil-każ tal-iżvilupp jew tal-manifattura msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, jew fil-każ ta' esportazzjoni 'il barra mill-Unjoni, l-awtorità kompetenti tas-SPR tal-Istat Membru konċernat għandha taġixxi bħala punt ta' interazzjoni għall-entitajiet kompetenti għar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tat-tagħmir rilevanti, tat-teknoloġija u tas-software dwar l-użu u l-iżvilupp ta', u l-manifattura għas-SPR, bil-għan li jiġi garantit li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9 jkunu applikati.

7. Awtorità kompetenti tas-SPR għandha tkun konnessa maċ-ĊMSG skont l-Artikolu 8 u l-punt 4 tal-Anness.

8. Il-paragrafi 4 u 7 għandhom ikunu mingħajr ħsara għall-possibilità għall-Istati Membri li jiddelegaw ċerti kompiti speċifiċi lill-awtorità kompetenti tas-SPR rispettiva tagħhom, permezz ta' kunsens reċiproku, lil Stat Membru ieħor, barra minn kull kompitu relatat mal-eżerċizzju tas-sovranità fuq it-territorji rispettivi tagħhom. Il-kompiti msemmija fil-paragrafi 4 u 7, kif ukoll il-kompiti fl-ambitu tal-paragrafu 5, għandhom jitwettqu konġuntament mill-Istati Membri. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien dawn il-miżuri lill-Kummissjoni.

9. Awtorità kompetenti tas-SPR tista' titlob l-assistenza teknika tal-Aġenzija Ewropea GNSS biex twettaq il-kompiti tagħha, suġġett għal arranġamenti speċifiċi. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien dawn l-arranġamenti lill-Kummissjoni.

10. Kull tliet snin l-awtoritajiet kompetenti tas-SPR għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea GNSS dwar il-konformità mal-istandards minimi komuni.

11. Kull tliet snin il-Kummissjoni għandha, bl-għajnuna tal-Aġenzija Ewropea GNSS, tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-konformità mill-awtoritajiet kompetenti tas-SPR mal-istandards komuni minimi, kif ukoll fi kwalunkwe każ ta' ksur gravi ta' dawk l-istandards.

12. Fejn awtorità kompetenti tas-SPR ma tikkonformax mal-istandards minimi komuni stabbiliti fl-Artikolu 8, il-Kummissjoni tista', b'kont meħud tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u f'konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat u, jekk ikun meħtieġ, wara li tikseb informazzjoni speċifika ulterjuri, toħroġ rakkomandazzjoni. Fi żmien 3 xhur mill-ħruġ tar-rakkomandazzjoni, l-awtorità kompetenti tas-SPR kkonċernata għandha tikkonforma mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni jew inkella titlob jew tipproponi modifiki bil-għan li tkun żgurata l-konformità mal-istandards minimi komuni u timplimentahom bi qbil mal-Kummissjoni.

Jekk, ladarba jkun skada l-perjodu tat-3 xhur, l-awtorità kompetenti tas-SPR tkun għadha ma żguratx il-konformità mal-istandards minimi komuni, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew u tipproponi t-teħid ta' miżuri xierqa.

*Artikolu 6*

**Rwol taċ-ĊMSG**

Iċ-ĊMSG għandu jipprovdi l-interazzjoni operattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti tas-SPR, il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà li jaġixxu taħt l-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK u ċ-ċentri ta' kontroll. Huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni bi kwalunkwe avveniment li jista' jaffettwa l-funzjonament bla xkiel tas-SPR.

*Artikolu 7*

**Il-manifattura u s-sigurtà tar-riċevituri u tal-moduli ta' sigurtà**

1. Stat Membru jista', suġġett għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6(1d), jagħti l-kompiti tal-manifattura tar-riċevituri tas-SPR jew tal-moduli ta' sigurtà assoċjati lil entitajiet stabbiliti fit-territorju tiegħu jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. Il-Kunsill, il-Kummissjoni jew is-SEAE jistgħu jafdaw il-manifattura tar-riċevituri tas-SPR jew tal-moduli ta' sigurtà assoċjati għall-użu tagħhom stess lil entitajiet stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru.

2. Il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà jista' fi kwalunkwe mument jirrevoka l-awtorizzazzjoni mogħtija lil entità msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu sabiex timmanifattura riċevituri tas-SPR jew il-moduli ta' sigurtà assoċjati fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-miżuri previsti fil-punt (b) tal-Artikolu 5(5).

*Artikolu 8*

**Standards minimi komuni**

1. L-istandards minimi komuni li magħhom għandhom jikkonformaw l-awtoritajiet kompetenti tas-SPR imsemmija fl-Artikolu 5 għandhom ikopru l-oqsma previsti fl-Anness.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11 dwar l-adozzjoni tal-istandards minimi komuni għall-oqsma previsti fl-Anness u, jekk ikun meħtieġ, emendi li jaġġornaw l-Anness biex jitqiesu l-iżviluppi fil-programm Galileo, partikolarment fir-rigward tat-teknoloġija u tal-bidliet fl-eżiġenzi tas-sigurtà.

3. Abbażi tal-istandards minimi komuni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' tadotta r-rekwiżiti tekniċi, linji gwida u miżuri oħrajn li jkunu meħtieġa. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2).

4. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jittieħdu l-passi meħtieġa għall-konformità mal-miżuri msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti relatati mas-sigurtà tas-SPR u mal-utenti tiegħu u mat-teknoloġija relatata, filwaqt li titqies bi sħiħ il-konsulenza ta' esperti.

5. Bil-għan li tgħin fil-konformità ma' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tiffaċilita laqgħa tal-awtoritajietajiet kompetenti tas-SPR kollha tal-anqas darba fis-sena.

6. Il-Kummissjoni għandha tiżgura, bl-għajnuna tal-Istati Membri u tal-Aġenzija Ewropea GNSS, li l-awtoritajiet kompetenti tas-SPR jikkonformaw mal-istandards minimi komuni, b'mod partikolari billi tagħmel verifiki jew ispezzjonijiet.

*Artikolu 9*

**Restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni**

L-esportazzjoni 'il barra mill-Unjoni ta' tagħmir, teknoloġija u software fir-rigward tal-użu u l-iżvilupp ta', u l-manifattura għas-SPR ma għandhiex tkun awtorizzata ħlief f'konformità mal-Artikolu 8 u l-punt 3 tal-Anness u skont il-ftehimiet imsemmijin fl-Artikolu 3(5) jew taħt ftehimiet dwar ir-regoli dettaljati għall-akkomodazzjoni u l-operazzjoni ta' stazzjonijiet ta' referenza.

*Artikolu 10*

**Applikazzjoni tal-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika bla ħsara għall-miżuri deċiżi skont l-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK.

*Artikolu 11*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 8(2) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mill-5 ta' Novembru 2011. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin.

3. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 8(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 12*

**Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 683/2008. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Fejn il-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu jkun applikabbli t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 13*

**Reviżjoni u rappurtar**

Tal-anqas sentejn wara li s-SPR ikun ġie ddikjarat operattiv, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament adegwat u l-idoneità tar-regoli stabbiliti għall-aċċess għas-SPR u, jekk ikun meħtieġ, tipproponi emendi għal din id-Deċiżjoni kif meħtieġ.

*Artikolu 14*

**Regoli speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-Programm Galileo**

Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħrajn ta' din id-Deċiżjoni, sabiex ikun żgurat li s-sistema stabbilita taħt il-programm Galileo taħdem mingħajr xkiel, għandhom ikunu awtorizzati l-aċċess għat-teknoloġija tas-SPR u d-dritt ta'proprjetà jew l-użu tar-riċevituri tas-SPR, suġġett għall-konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 8 u fl-Anness, fir-rigward ta' dan li ġej:

(a) il-Kummissjoni, meta taġixxi bħala amministratur tal-programm Galileo;

(b) l-operaturi tas-sistema stabbilita taħt il-programm Galileo, biss għall-finijiet ta' konformità mal-kompetenzi tagħhom, kif stabbilit f'arranġament speċifiku mal-Kummissjoni;

(c) l-Aġenzija Ewropea GNSS, biex din tkun tista' twettaq il-kompiti fdati lilha, kif stabbilit f'arranġament speċifiku mal-Kummissjoni;

(d) l-Aġenzija Spazjali Ewropea, strettament għall-finijiet ta' riċerka, żvilupp u użu tal-infrastruttura, kif stabbilit f'arranġament speċifiku mal-Kummissjoni.

*Artikolu 15*

**Pieni**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu liema pieni jkunu applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Deċiżjoni. Il-pieni għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi.

*Artikolu 16*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw l-Artikolu 5 mhux aktar tard mis-6 ta' Novembru 2013.

*Artikolu 17*

**Indirizzati**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, il-25 ta' Ottubru 2011.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | M. DOWGIELEWICZ |

*ANNESS*

**Standards minimi komuni**

1. Fir-rigward tal-Artikolu 5(4), l-istandards minimi komuni għall-użu tas-SPR ikopru l-oqsma li ġejjin:

   (i) organizzazzjoni tal-gruppi ta' utenti tas-SPR;

   (ii) definizzjoni u ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess għall-utenti tas-SPR u għall-gruppi ta' utenti tal-parteċipanti fis-SPR;

   (iii) distribuzzjoni tal-kodiċijiet tas-SPR u tal-informazzjoni klassifikata relatata bejn iċ-ĊMSG u l-awtoritajiet kompetenti tas-SPR;

   (iv) distribuzzjoni lill-utenti tal-kodiċijiet tas-SPR u tal-informazzjoni klassifikata relatata;

   (v) ġestjoni tas-sigurtà, inklużi l-inċidenti ta' sigurtà, u stima tar-riskji għar-riċevituri tas-SPR u t-teknoloġija u l-informazzjoni klassifikata relatata;

   (vi) rappurtar dwar l-interferenza elettromanjetika potenzjalment dannuża li tiġi skoperta u li tolqot lis-SPR;

   (vii) kunċetti u proċeduri operattivi għar-riċevituri tas-SPR.

2. Fir-rigward tal-Artikolu 5(5), l-istandards minimi komuni għall-iżvilupp u l-manifattura tar-riċevituri tas-SPR jew tal-moduli ta' sigurtà jkopru dawn l-oqsma li ġejjin:

   (i) awtorizzazzjoni tas-segment utenti tas-SPR;

   (ii) sigurtà tar-riċevituri tas-SPR u tat-teknoloġija tas-SPR matul il-fażijiet ta' riċerka, żvilupp u manifattura;

   (iii) integrazzjoni tar-riċevituri tas-SPR u tat-teknoloġija tas-SPR;

   (iv) profil ta' protezzjoni għar-riċevituri tas-SPR, moduli ta' sigurtà, u materjal li juża t-teknoloġija tas-SPR.

3. Fir-rigward tal-Artikolu 5(6) u l-Artikolu 9, l-istandards minimi komuni għar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ikopru dawn l-oqsma li ġejjin:

   (i) parteċipanti fis-SPR awtorizzati;

   (ii) esportazzjoni ta' materjal u teknoloġija relatata mas-SPR.

4. Fir-rigward tal-Artikolu 5(7), l-istandards minimi komuni għall-konnessjonijiet bejn iċ-ĊMSG u l-awtoritajiet kompetenti tas-SPR ikopru konnessjonijiet ta' data u konnessjonijiet vokali.

# DEĊIŻJONI Nru 1105/2011/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-25 ta’ Ottubru 2011

## dwar il-lista ta’ dokumenti tal-ivvjaġġar li jintitolaw lid-detentur jaqsam il-fruntieri esterni u li jistgħu jkunu approvati b’viża u dwar it-twaqqif ta’ mekkaniżmu għall-istabbiliment ta’ din il-lista

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 77(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta’ att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja [1],

Billi:

(1) Fuq il-bażi tal-Artikolu 17(3)(a) tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen tal-14 ta’ Ġunju 1985 [2], id-Deċiżjonijiet SCH/Com-ex (98) 56 [3] u SCH/Com-ex (99) 14 [4] stabbilixxew il-Manwal ta’ dokumenti tal-ivvjaġġar li jintitolaw lid-detentur jaqsam il-fruntieri esterni u li jistgħu jkunu approvati b’viża. Dawn id-Deċiżjonijiet għandhom ikunu adattati għall-qafas istituzzjonali u legali tal-Unjoni.

(2) Il-listi ta’ dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa minn pajjiżi terzi għandhom ikunu kkontrollati b’mod sistematiku biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet fl-Istati Membri li jaħdmu fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-viżi u fil-kontrolli tal-fruntieri jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-informazzjoni preċiża dwar id-dokumenti tal-ivvjaġġar ippreżentati minn ċittadini ta’ pajjiżi terzi. L-iskambji tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar id-dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa u dwar ir-rikonoxximent tal-Istati Membri ta’ dawk id-dokumenti tal-ivvjaġġar u t-tqegħid tal-elenku sħiħ għad-dispożizzjoni tal-pubbliku għandhom jiġu modernizzati u jsiru iktar effiċjenti.

(3) L-iskop tal-lista ta’ dokumenti tal-ivvjaġġar huwa doppju: minn naħa waħda, li din tippermetti lill-awtoritajiet tal-kontroll tal-fruntieri jivverifikaw jekk dokument tal-ivvjaġġar partikolari huwiex rikonoxxut għall-fini tal-qsim tal-fruntieri esterni kif stipulat fil-punt (a) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta’ persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen) [5]; min-naħa l-oħra, din tippermetti li l-persunal konsulari jivverifika jekk l-Istati Membri jirrikonoxxux dokument tal-ivvjaġġar partikolari għall-fini tat-twaħħil ta’ sticker tal-viża.

(4) Taħt il-punt (c) tal-Artikolu 48(1) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi tal-Viżi) [6], lista eżawrjenti ta’ dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-pajjiż ospitanti għandha tithejja fi ħdan il-kooperazzjoni lokali ta’ Schengen.

(5) Għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu li jiżgura li l-lista ta’ dokumenti tal-ivvjaġġar tkun dejjem aġġornata.

(6) Meta wieħed iqis ir-relevanza tas-sigurtà tad-dokument tal-ivvjaġġar fir-rigward tar-rikonoxximent possibbli tagħhom, fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni, megħjuna minn esperti tal-Istati Membri, għandha tipprovdi valutazzjoni teknika.

(7) L-Istati Membri huma u għandhom jibqgħu kompetenti għar-rikonoxximent ta’ dokumenti tal-ivvjaġġar għall-iskop li jippermettu lid-detentur jaqsam il-fruntieri esterni u għall-iskop tat-twaħħil ta’ viża f’forma ta’ sticker.

(8) L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-pożizzjoni tagħhom fir-rigward tad-dokumenti tal-ivvjaġġar kollha u jagħmlu ħilithom biex jarmonizzaw il-pożizzjonijiet tagħhom dwar it-tipi differenti ta’ dokumenti tal-ivvjaġġar. Minħabba li n-nuqqas min-naħa ta’ Stat Membru li jinnotifika l-pożizzjoni tiegħu rigward dokument tal-ivvjaġġar jista’ joħloq problemi għad-detenturi ta’ dak id-dokument tal-ivvjaġġar, għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu li jobbliga lill-Istati Membri jiddikjaraw il-pożizzjoni tagħhom dwar ir-rikonoxximent u n-nuqqas ta’ rikonoxximent ta’ dawk id-dokumenti. Dak il-mekkaniżmu ma għandux jipprekludi lill-Istati Membri milli jinnotifikaw bidla fil-pożizzjoni tagħhom fi kwalunkwe waqt.

(9) Għandha tkun stabbilita bażi tad-dejta onlajn li tinkludi kampjun tad-dokumenti kollha tal-ivvjaġġar fuq tul ta’ żmien biex ikun faċilitat l-eżami ta’ dokument tal-ivvjaġġar mill-awtoritajiet tal-kontroll tal-fruntieri u l-persunal konsulari. Dik il-bażi tad-dejta għandha tinżamm aġġornata skont kull bidla għal rikonoxximent jew nuqqas ta’ rikonoxximent indikat preċedentement ta’ dokument tal-ivvjaġġar partikolari mill-Istati Membri.

(10) Għal skopijiet ta’ informazzjoni, il-Kummissjoni għandha thejji lista mhux eżawrjenti ta’ passaporti ta’ fantasija u passaporti ta’ kamuflaġġ magħrufa li jkunu infurmawha dwarhom l-Istati Membri. Il-passaporti ta’ fantastija u l-passaporti ta’ kamuflaġġ li huma fuq il-lista mhumiex suġġetti għal rikonoxximent jew nuqqas ta’ rikonoxximent. Huma ma jintitolawx lid-detentur tagħhom li jaqsam il-fruntieri esterni u ma għandhomx jingħataw viża.

[1] Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta’ Lulju 2011 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta’ Settembru 2011

[2] ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19.

[3] ĠU L 239, 22.9.2000, p. 207.

[4] ĠU L 239, 22.9.2000, p. 298.

[5] ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.

[6] ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

(11) Sabiex ikunu żgurati l-istess kundizzjonijiet għall-kompilazzjoni u l-aġġornament tal-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ([1]).

(12) Il-proċedura ta' konsultazzjoni għandha tintuża għat-tfassil u għall-aġġornament tal-lista tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, billi dawk huma atti li jikkostitwixxu sempliċiment il-kompilazzjoni tad-dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa.

(13) Fir-rigward tal-Islanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp tal-acquis ta' Schengen ([2]), li jaqa' fi ħdan il-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punti A, B u C tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim ([3]).

(14) Fir-rigward tal-Isvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([4]), li jaqa' fi ħdan il-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punti (A), (B) u (C) tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([5]).

(15) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, fis-sens tal-Protokoll iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, li jaqa' fl-ambitu tal-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punti (A), (B) u (C), tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/KE ([6]).

(16) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka annessa mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għalhekk la hija marbuta biha u lanqas ma hija suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Minħabba li din id-Deċiżjoni tibni fuq l-acquis ta' Schengen, id-Danimarka għandha, skont l-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi f'perjodu ta' sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni jekk hux se timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.

(17) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom ir-Renju Unit ma jiħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Britanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi disposizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen ([7]); ir-Renju Unit għalhekk mhux qed jieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhux marbut biha jew suġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(18) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda sabiex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen ([8]); għalhekk l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhijiex marbuta magħha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(19) Fir-rigward ta' Ċipru, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jibni fuq jew li hu b'xi mod ieħor relatat mal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Artikolu 3(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003.

(20) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att ibbażat fuq l-acquis ta' Schengen jew li hu b'xi mod ieħor relatat miegħu fis-sens ta' Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Suġġett u Ambitu**

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar li jintitolaw lid-detentur tagħhom jaqsam il-fruntieri esterni u li jistgħu jkunu approvati minn viża ("il-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar") u mekkaniżmu għall-kompilazzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni tapplika għad-dokumenti tal-ivvjaġġar bħal passaport nazzjonali, (passaport ordinarju, diplomatiku, ta' servizz/ uffiċjali jew speċjali), dokument tal-ivvjaġġar ta' emerġenza, dokument tal-ivvjaġġar ta' refuġjat jew ta' persuna bla stat, dokument tal-ivvjaġġar maħruġ minn organizzazzjonijiet internazzjonali jew laissez-passer.

3. Din id-Deċiżjoni ma taffettwax il-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward tar-rikonoxximent tad-dokumenti tal-ivvjaġġar.

([1]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.
([2]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
([3]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
([4]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.
([5]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.
([6]) ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19.
([7]) ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
([8]) ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

*Artikolu 2*

**Kompilazzjoni tal-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar**

1. Il-Kummissjoni għandha tħejji l-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar bl-għajnuna tal-Istati Membri abbażi tal-informazzjoni miġbura fi ħdan il-kooperazzjoni Schengen lokali, kif imsemmi fl-Artikolu 48(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009.

2. Il-lista ta' dawn id-dokumenti tal-ivvjaġġar għandha titħejja skont il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(2).

*Artikolu 3*

**Struttura tal-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar**

1. Il-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar għandha tkun maqsuma fi tliet partijiet.

2. Il-Parti I għandha tikkonsisti f'dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa minn pajjiżi terzi u entitajiet territorjali elenkati fl-Annessi I u II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom irid ikollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dik il-ħtieġa ([1]).

3. Il-Parti II għandha tikkonsisti fid-dokumenti li ġejjin, maħruġa minn Stati Membri, inklużi dawk maħruġa mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li mhux qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni preżenti u mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li għadhom mhux qed japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ:

(a) dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa lil ċittadini ta' pajjiżi terzi;

(b) dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa lil refuġjati skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Rigward l-Istatus ta' Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951;

(ċ) dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa lil persuni bla stat skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Rigward l-Istatus ta' Rifuġjati tat-28 ta' Settembru 1954;

(d) dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa lil persuni li ma jkollhomx nazzjonalità ta' xi pajjiż, u li jirrisjedu fi Stat Membru;

(e) dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mir-Renju Unit għal ċittadini Britanniċi li mhumiex ċittadini tar-Renju Unit tal-Gran Britanja u l-Irlanda ta' Fuq għall-iskopijiet tal-liġi tal-Unjoni.

4. Il-Parti III għandha tikkonsisti f'dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa minn organizzazzjonoijiet internazzjonali.

5. Bħala regola ġenerali, l-elenkar ta' dokument tal-ivvjaġġar partikolari japplika għas-serje kollha ta' dak id-dokument tal-ivvjaġġar li għadhom validi.

6. Jekk pajjiż terz ma joħroġx tip partikolari ta' dokument tal-ivvjaġġar, dan għandu jkun indikat billi jiddaħħal "mhux maħruġ" fil-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar.

*Artikolu 4*

**Notifikazzjoni tar-rikonoxximent jew in-nuqqas ta' rikonoxximent tad-dokumenti tal-ivvjaġġar elenkati**

1. Fi żmien tliet xhur wara l-komunikazzjoni tal-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-pożizzjoni tagħhom dwar ir-rikonoxximent jew in-nuqqas ta' rikonoxximent tad-dokumenti tal-ivvjaġġar elenkati.

2. Jekk Stat Membru jonqos milli jinnotifika l-pożizzjoni tiegħu sal-perijodu msemmi fil-paragrafu 1, id-dokument tal-ivvjaġġar ikkonċernat għandu jitqies bħala rikonoxxut sal-waqt meta dak l-Istat Membru jinnotifika n-nuqqas ta' rikonoxximent tiegħu.

3. Fil-qafas tal-kumitat imsemmi fl-Artikolu 8(1), l-Istati Membri għandhom jiskambjaw l-informazzjoni dwar ir-raġunijiet għar-rikonoxximent jew in-nuqqas ta' rikonoxximent ta' dokumenti tal-ivvjaġġar speċifiċi bil-għan li tintlaħaq pożizzjoni armonizzata.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-bidliet kollha għar-rikonoxximent jew in-nuqqas ta' rikonoxximent indikat qabel ta' dokument tal-ivvjaġġar partikolari.

*Artikolu 5*

**Dokumenti tal-ivvjaġġar ġodda maħruġa**

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dokumenti tal-ivvjaġġar ġodda msemmija fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 3(3).

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dokumenti tal-ivvjaġġar ġodda maħruġa minn pajjiżi terzi, Stati Membri u organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 3(2), fl-Artikolu 3(3)(e) u l-Artikolu 3(4). Il-Kummissjoni għandha, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tagħmel sforzi biex tiġbor il-mudelli ta' dokumenti tal-ivvjaġġar ġodda sabiex tqassamhom.

3. Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar skont in-notifiki u l-informazzjoni li tirċievi u għandha titlob lill-Istati Membri biex jinnotifikaw il-pożizzjoni tagħhom dwar ir-rikonoxximent jew in-nuqqas ta' rikonoxximent skont l-Artikolu 4.

4. Il-lista aġġornata ta' dokumenti tal-ivvjaġġar għandha titħejja skont il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(2).

*Artikolu 6*

**Informazzjoni dwar passaporti magħrufa bħala passaporti ta' fantasija u passaporti ta' kamuflaġġ**

Il-Kummissjoni għandha wkoll tfassal u taġġorna lista mhux eżawrjenti ta' passaporti magħrufa bħala passaporti ta' fantasija u passaporti ta' kamuflaġġ fuq il-bażi tal-informazzjoni li tirċievi mingħand l-Istati Membri.

*Artikolu 7*

**Valutazzjoni ta' dokumenti tal-ivvjaġġar**

1. Sabiex l-Istati Membri jiġu assistiti fil-valutazzjoni tekniċi tagħhom ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, il-Kummissjoni, megħjuna minn esperti tal-Istati Membri, tista' tipprovdi għal analiżi teknika tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, b'kont meħud b'mod partikolari tal-istandards u r-rakkomandazzjonijiet relevanti tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali.

([1]) ĠU L 81, 21.3.2001, p. 1.

2. Fejn ikun relevanti, il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar jistgħu wkoll jiġu analizzati f'dan il-kuntest.

3. Ir-riżultati tal-valutazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu kkomunikati lill-Istati Membri.

*Artikolu 8*

**Proċedura tal-kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat (il-Kumitat għad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 9*

**Pubblikazzjoni tal-listi**

Il-Kummissjoni għandha tqiegħed il-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, inklużi n-notifiki skont l-Artikolu 4, u l-lista msemmija fl-Artikolu 6, għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri u tal-pubbliku permezz ta' pubblikazzjoni elettronika li tkun aġġornata b'mod kostanti.

*Artikolu 10*

**Tħassir**

Id-Deċiżjonijiet SCH/Com-ex (98) 56 u SCH/Com-ex (99) 14 huma mħassra.

*Artikolu 11*

**Dħul fis-seħħ**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha ħlief għall-Artikolu 10, li għandu japplika b'effett mid-data tal-ewwel pubblikazzjoni mill-Kummissjoni tal-lista ta' dokumenti tal-ivvjaġġar.

*Artikolu 12*

**Indirizzati**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu, il-25 ta' Ottubru 2011.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | M. DOWGIELEWICZ |

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 1106/2011

## tal-20 ta' Ottubru 2011

## li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 57/2011 u (KE) Nru 754/2009 fir-rigward tal-protezzjoni tal-ispeċi "pixxiplamtu", ċerti TACs u ċerti limiti tal-isforz tas-sajd stabbiliti għall-Ġermanja u l-Irlanda

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 [1] jiffissa għall-2011 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE.

(2) Għandha tiġi korretta inkonsistenza bejn il-formulazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 57/2011 u l-formulazzjoni tal-entratura fl-Anness IA tiegħu li tikkonċerna n-Norway pout.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 57/2011 jipprojbixxi s-sajd għall-pixxiplamtu fl-ilmijiet internazzjonali, b'obbligu ta' rilaxx minnufih ta' qabdiet aċċidentali. L-Anness IA għal dak ir-Regolament jiffissa l-qabdiet totali permessi għall-pixxiplamtu għal 0 tunnellati f'ċerti żoni tal-ICES, bl-ebda dispożizzjoni dwar qabdiet aċċidentali. Konsegwenza ta' dan, il-qbid tal-pixxiplamtu f'ċerti żoni fl-ilmijiet tal-UE mhuwiex ristrett, filwaqt li f'oħrajn (l-Oċean Atlantiku) ċerti żoni (żoni ICES) huma ġestiti mil-qabda totali permessibbli (TAC) u żoni oħra mhumiex (żoni CECAF). Minħabba l-istatus ta' din l-ispeċi u d-diskussjonijiet li għaddejjin dwar il-possibbiltà li tiġi elenkata taħt il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (il-Konvenzjoni CITES) (Appendiċi III), hu adatt li tiġi prevista protezzjoni aktar msaħħa għall-pixxiplamtu fiż-żoni kollha u li tkoperi kemm bastimenti tal-UE kif ukoll bastimenti ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jistadu fl-ilmijiet tal-UE.

(4) Il-valutazzjoni xjentifika tal-merluzz fil-Baħar Ċeltiku tjiebet, u kkonfermat li l-parir li fuqu hija bbażata it-TAC attwali ta stima baxxa għas-sena ta' abbundanza tal-2009 u b'hekk iż-żieda dinamika fil-bijomassa għal dan l-istokk. Barra l-miżuri ġodda ta' għażla ppjanati mill-Kunsill Konsultattiv Reġjonali tal-Majjistral (NWWRAC), li għandhom inaqqsu r-riskju għall-haddock u l-merlangu skartat f'dan is-sajd tal-merluzz, huwa xieraq li tiġi adattata t-TAC għall-merluzz fil-Baħar Ċeltiku skont il-parir xjentifiku ġdid għall-bqija tal-2011.

(5) Fid-29 ta' Lulju 2011, l-Organizzazzjoni tas-Sajd fil-Majjistral tal- Atlantiku (NAFO) kkomunikat lill-partijiet kollha kontraenti l-adozzjoni, b'effett immedjat, ta' reviżjoni tat-TAC tan-NAFO għall-2011 fir-rigward tar-redfish fis-Subżona 2, Diviżjonijiet IF u 3K. Fl-1 ta' Awwissu 2011, il-Kummissjoni, ppreżentat l-istess informazzjoni lill-Istati Membri kollha b'interess f'dan is-sajd. Ir-reviżjoni għandha tiġi implimentata fil-liġi tal-Unjoni u tapplika għall-bastimenti tal-UE mit-2 ta' Awwissu 2011.

(6) Fil-kuntest li jiġu stabbiliti opportunitajiet ta' sajd u f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perijodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet [2], il-Kunsill jista', filwaqt li jagixxi fuq proposta tal- Kummissjoni u abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill- Istati Membri u tal-parir tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), jeskludi ċerti gruppi ta' bastimenti mill-applikazzjoni tar-reġim tal-isforz dment li tkun disponibbli data xierqa dwar qabdiet u rimi ta' merluzz tal-bastimenti involuti, li l-persentaġġ ta' qabdiet ta' merluzz ma jeċċedix 1,5 % tal-qabdiet totali għal kull grupp ta' bastimenti u li l-inklużjoni tal-grupp fir-reġim tal-isforz ikun jikkostitwixxi piż amministrattiv sproporzjonat għall-impatt ġenerali fuq l-istokkijiet ta' merluzz.

[1] ĠU L 24, 27.1.2011, p. 1

[2] ĠU L 348, 24.12.2008, p.20.

(7) Abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008, tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 754/2009 [1] eskluda ċerti gruppi ta' bastimenti mill-iskema tal-isforz tas-sajd stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1342/2008.

(8) L-Irlanda tat informazzjoni dwar qabdiet tal-merluzz minn grupp ta' bastimenti li joperaw fil-punent tal-Iskozja u li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'daqs tal-malja ugwali għal 120 mm jew akbar b'pannelli ta' malja kwadra fiż-żona msemmija fil-punt 6.1 tal-Anness III għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 43/2009 tas-16 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi għall-2009 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid [2], u li jużaw malja ta' daqs ta' 100 mm fi bnadi oħra fil-punent tal-Iskozja. Abbażi ta' dik l-informazzjoni, kif ivvalutat mill-STECF, jista' jiġi stabbilit li l-qabdiet tal-merluzz, inkluż l-iskart, minn dak il-grupp ta' bastimenti ma jaqbżux il-1,5 % tal-qabdiet totali tagħhom. Barra minn hekk, il-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ fis-seħħ jiżguraw il-monitoraġġ u l-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd ta' dak il-grupp ta' bastimenti. Fl-aħħarnett, l-inklużjoni fl-iskema tal-isforz tas-sajd ta' dak il-grupp tikkostitwixxi piż amministrattiv sproporzjonat għall-impatt ġenerali ta' dik l-inklużjoni fuq l-istokkijiet tal-merluzz. Għalhekk huwa xieraq li r-Regolament (KE) Nru 754/2009 jiġi emendat sabiex jeskludi dak il-grupp ta' bastimenti mill-iskema tal-isforz tas-sajd stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1342/2008. Il-limiti tal-isforz stabbiliti għall-Irlanda fir-Regolament (UE) Nru 57/2011 għandhom jiġu emendati skont dan.

(9) Grupp ta' bastimenti mill-Ġermanja huwa attwalment eskluż mill-applikazzjoni tal-iskema tal-isforz tas-sajd stipulata fir-Regolament (KE) Nru 1342/2008. Abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Ġermanja fl-2011, l-STECF ma kienx f'pożizzjoni li jivvaluta jekk il-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1342/2008 baqgħux issodisfati fil-perjodu ta' ġestjoni tal-2010. Huwa għalhekk xieraq li dan il-grupp ta' bastimenti Ġermaniżi jerġa' jiddaħħal fl-iskema tal-isforz tas-sajd. Ir-Regolament (KE) Nru 754/2009 għandu jiġi emendat kif meħtieġ.

(10) Ir-Regolament (UE) Nru 57/2011 japplika, b'mod ġenerali, mill-1 ta' Jannar 2011. Iżda l-limiti tal-isforzi tas-sajd stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 57/2011 japplikaw għal perjodu ta' sena li jibda mill-1 ta' Frar 2011. B'riżultat ta' dan, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-limiti u l-allokazzjonijiet tal-qabdiet għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2011, minbarra d-dispożizzjonijiet ġodda fir-rigward tar-redfish fis-Subżona 2, Diviżjonijiet IF u 3K, li għandhom japplikaw mit-2 ta' Awwissu 2011. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-limiti tal-isforz tas-sajd għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar 2011. Tali applikazzjoni retroattiva ma tippreġudikax il-prinċipju taċ-ċertezza legali peress li l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati għadhom ma ġewx eżawriti. Billi modifikazzjonijiet fl-iskemi tal-isforz għandhom effett dirett fuq l-attivitajiet ekonomiċi tal-flotot ikkonċernati, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament mal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emenda għar-Regolament (UE) Nru 57/2011**

Ir-Regolament (UE) Nru 57/2011 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 5(4)(b) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(b) l-istokk tan-Norway pout u qabdiet inċidentali assoċjati fis-subżona ICES IIIa u fl-ilmijiet tal-UE tad-diviżjoni tal-ICES IIa u fis-subżona tal-ICES IV u l-istokk tal-laċċa l-kaħla fl-ilmijiet tal-UE tad-diviżjoni tal-ICES IIa u fis-subżona tal-ICES IV.".

(2) L-Artikolu 8(1), punt (e) hu sostitwit kif ġej:

"(e) il-pixxiplamtu (*Lamna nasus*) fl-ilmijiet kollha, minbarra fejn hu previst mod ieħor fl-Anness IA; u".

(3) Fl-Artikolu 37, paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandu jkun ipprojbit li bastimenti ta' pajjiżi terzi jistadu għal, iżommu abbord, jittrasbordaw jew iħottu l-art l-ispeċijiet li ġejjin:

(a) il-gabdoll (*Cetorhinus maximus*) u l-kelb il-baħar l-abjad (*Carcharodon carcharias*) fl-ilmijiet kollha tal-UE;

(b) l-ixkatlu komuni (*Squatina squatina*) fl-ilmijiet kollha tal-UE;

(c) ir-rebekkin skur (*Diptrus batis*) fl-ilmijiet tal-UE fid-diviżjoni tal-ICES IIa u fis-subżoni tal-ICES III, IV, VI, VII, VIII, IX u X;

(d) l-undulate ray (*Raja undulata*) u l-ħamiema (*Rostroraja alba*) fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni tal-ICES VI, VII, VIII, IX u X;

(e) il-pixxiplamtu (*Lamna nasus*) fl-ilmijiet kollha tal-UE; u

(f) il-guitarfishes (*Rhinobatidae*) fl-ilmijiet tal-UE fis-subżoni tal-ICES I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII."

(4) Fl-Anness IA, l-entrata għall-merluzz taż-żoni VIIb, VIIc, VIIe-k, VIII, IX u X; Ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1 hi sostitwita b'dan li ġej:

[1] ĠU L 214, 19.8.2009, p. 16.
[2] ĠU L 22, 26.1.2009, p. 1.

| "**Speċi:** Merluzz *Gadus morhua* | | **Żona:** VIIb, VIIc, VIIe-k, VIII, IX u X; Ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1 (COD/7XAD34) |
|---|---|---|
| Il-Belġju | 233 | |
| Franza | 3 811 | |
| L-Irlanda | 923 | |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 1 | |
| Ir-Renju Unit | 411 | |
| UE | 5 379 | |
| TAC | 5 379" | TAC Analitika<br>Japplika l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament. |

(5) Fl-Anness IA, l-entrata għall-pixxiplamtu fl-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X u XII hi sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċi:** Pixxiplamtu *Lamna nasus* | | **Żona:** Ilmijiet tal-Gujana Franċiża, Kattegat; Ilmijiet tal-UE ta' Skagerrak, taż-żoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV; Ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1, 34.1.2 u 34.2 (POR/3-1234) |
|---|---|---|
| Id-Danimarka | 0 (1) | |
| Franza | 0 (1) | |
| Il-Ġermanja | 0 (1) | |
| L-Irlanda | 0 (1) | |
| Spanja | 0 (1) | |
| Ir-Renju Unit | 0 (1) | |
| UE | 0 (1) | |
| | 0 (1) | |
| TAC | 0 (1) | TAC Analitika |

(1) Il-qabdiet ta' din l-ispeċi għandhom jiġu rilaxxati minnufih mingħajr ma ssirilhom ħsara sa fejn hu prattiku.".

(6) Fl-Anness IA, l-entrata għall-awwista tan-Norveġja taż-żona VII hi sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċi:** Ksampu *Nephrops norvegicus* | | **Żona:** VII (NEP/07.) |
|---|---|---|
| Spanja | 1 306 (1) | |
| Franza | 5 291 (1) | |
| L-Irlanda | 8 025 (1) | |
| Ir-Renju Unit | 7 137 (1) | |
| UE | 21 759 (1) | |
| TAC | 21 759 (1) | TAC AnalitikaJapplika<br>l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament |

(1) Li minnhom ma jistgħux jittieħdu aktar mill-kwoti li ġejjin fiż-żona VII (Porcupine Bank – Unità 16) (NEP/*07U16):

| | |
|---|---|
| Spanja | 377 |
| Franza | 241 |
| L-Irlanda | 454 |
| Ir-Renju Unit | 188 |
| UE | 1 260" |

(7) Fl-Anness IC, l-entrata għar-redfish fis-Subżona 2 tan-NAFO, Diviżjonijiet IF u 3K, hi sostitwita b'dan li ġej:

| "**Speċi:** Redfish *Sebastes* spp. | | **Żona:** Subżona 2 tan-NAFO, Diviżjonijiet IF u 3K (RED/N1F3K.) |
|---|---|---|
| Latvja | 0 | |
| Litwanja | 0 | |
| TAC | 0" | |

(8) L-Appendiċi 1 għall-Anness IIA huwa emendat kif ġej:

(a) Fit-tabella (b), il-kolonna li tikkonċerna l-Ġermanja (DE) tinbidel b'dan li ġej:

| Irkaptu rregolat | "DE |
|---|---|
| TR1 | 1 166 735 |
| TR2 | 436 666 |
| TR3 | 257 |
| BT1 | 29 271 |
| BT2 | 1 525 679 |
| GN | 224 484 |
| GT | 467 |
| LL | 0" |

(b) Fit-tabella (d) il-kolonni li jikkonċernaw il-Ġermanja (DE) u l-Irlanda (IE) huma sostitwiti b'dan li ġej:

| Irkaptu rregolat | "DE | IE |
|---|---|---|
| TR1 | 12 427 | 107 088 |
| TR2 | 0 | 479 043 |
| TR3 | 0 | 273 |
| BT1 | 0 | 0 |
| BT2 | 0 | 3 801 |
| GN | 35 442 | 5 697 |
| GT | 0 | 1 953 |
| LL | 0 | 4 250" |

*Artikolu 2*

**Emenda għar-Regolament (KE) Nru 754/2009**

Fir-Regolament (KE) Nru 754/2009, l-Artikolu 1 huwa b'dan emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-punt (f);

(b) jiżdied il-punt li ġej:

"(h) il-grupp ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda, u li jipparteċipaw fis-sajd indikat fit-talba mill-Irlanda bid-data 11 ta' Marzu 2011, u li joperaw fil-punent tal-Iskozja u li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'daqs tal-malja ugwali għal 120 mm jew akbar b'pannelli ta' malja kwadra fiż-żona msemmija fil-punt 6.1 tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 43/2009 u li jużaw malja ta' daqs ta' 100 mm fi bnadi oħra fil-punent tal-Iskozja.".

*Artikolu 3*

**Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 punti (1) sa (6) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2011.

L-Artikolu 1 punt (7) għandu japplika mit-2 ta' Awwissu 2011.

L-Artikolu 1 punt (8) u l-Artikolu 2 għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-20 ta' Ottubru 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. SAWICKI

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1107/2011

## tat-28 ta' Ottubru 2011

## li jistabbilixxi projbizzjoni fuq is-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana f'NAFO 3L min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Latvja

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 tat-18 ta' Jannar 2011 li jiffissa għall-2011 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE [2], jistabbilixxi kwoti għall-2011.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2011.

(3) Jeħtieġ għalhekk li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd għall-2011 allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubbilkazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ottubru 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Lowri EVANS
*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
[2] ĠU L 24, 27.01.2011, p. 1.

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 60/T&Q |
| Stat Membru | il-Latvja |
| Stokk | PRA/N3L. |
| Speċi | Gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*) |
| Żona | NAFO 3L |
| Data | 28.9.2011 |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1108/2011

## tat-28 ta' Ottubru 2011

## li jidderoga mir-Regolamenti (KE) Nru 2058/96, (KE) Nru 2305/2003, (KE) Nru 969/2006, (KE) Nru 1918/2006, (KE) Nru 1964/2006, (KE) Nru 1067/2008 u (KE) Nru 828/2009 fir-rigward tad-dati għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-ħruġ tal-liċenzji ta' importazzjoni fl-2012 fil-kuntest tal-kwoti tariffarji għaċ-ċereali, ir-ross, iz-zokkor u ż-żejt taż-żebbuġa, u li jidderoga mir-Regolamenti (KE) Nru 382/2008, (KE) Nru 1518/2003, (UE) Nru 1178/2010, (UE) Nru 90/2011 u (KE) Nru 951/2006 fir-rigward tad-dati tal-ħruġ tal-liċenzji ta' esportazzjoni fl-2012 fl-oqsma tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella, tal-laħam tal-majjal, tal-bajd, tal-laħam tat-tjur, u taz-zokkor u tal-isoglukożju li jaqbżu l-kwota

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-FĠKT (GATT) XXIV.6 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 61, 144(1), 148, 156 u 161(3), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007 li japplika l-arranġamenti għall-prodotti li joriġinaw f'ċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, Karibej u Paċifiċi (AKP) previsti fi ftehim li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehim ta' Sħubija Ekonomika ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 tat-22 ta' Lulju 2008 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 552/97, Nru 1933/2006 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 u (KE) Nru 964/2007 ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(7) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1067/2008 tat-30 ta' Ottubru 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffari [tariffarji] Komunitarji għal qamħ komuni ta' kwalità differenti minn dik superjuri oriġinanti minn pajjiżi terzi u li tidderoga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ([5]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2305/2003 tad-29 ta' Diċembru 2003 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffali [tariffarji] għall-importazzjoni ta' xgħir minn pajjiżi terzi ([6]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 969/2006 tad-29 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi kwota tariffarja Komunitarja u mod għall-ġestjoni tagħha għall-importazzjoni tal-qamħirrum minn pajjiżi terzi ([7]) jistabbilixxu dispożizzjonijiet partikolari għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni għall-qamħ komuni ta' kwalità differenti minn dik superjuri fil-kuntest tal-kwoti 09.4123, 09.4124 u 09.4125, għax-xgħir fil-kuntest tal-kwota 09.4126 u għall-qamħirrun fil-kuntest tal-kwota 09.4131.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2058/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 li jiftaħ u jipprovdi għat-tmexxija ta' kwota ta' tariffa [kwota tariffarja] għal ross miksur (broken rice) ta' kodiċi NM 1006 40 00, għal produzzjoni ta' tħejjijiet tal-ikel ta' kodiċi NM 1901 10 ([8]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1964/2006 tat-22 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwota għall-importazzjoni ta' ross li joriġina mill-Bangladexx, b'applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3491/90 [traduzzjoni mhux uffiċjali] ([9]) jistabbilixxu dispożizzjonijiet partikolari għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni għal ross miksur fil-kuntest tal-kwota 09.4079 u tar-ross li joriġina mill-Bangladexx fil-kuntest tal-kwota 09.4517.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 828/2009 tal-10 ta' Settembru 2009 li jistipula r-regoli ddettaljati ta' applikazzjoni għas-snin tas-suq 2009/2010 sal-2014/2015 għall-importazzjoni u r-raffinar tal-prodotti taz-zokkor li jinsabu taħt l-intestatura tariffarja 1701 taħt ftehimiet preferenzjali ([10]), jistabbilixxi dispożizzjonijiet partikolari għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u għall-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni fil-kuntest tal-kwoti 09.4221, 09.4231, 09.4241 sa 09.4247.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1918/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għaż-żejt taż-żebbuġa li joriġina mit-Tuneżija ([11]) jistabbilixxi dispożizzjonijiet partikolari għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa fil-kuntest tal-kwota 09.4032.

([1]) ĠU L 146, 20.6.1996, p. 1.
([2]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([3]) ĠU L 348, 31.12.2007, p. 1.
([4]) ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1.
([5]) ĠU L 290, 31.10.2008, p. 3.
([6]) ĠU L 342, 30.12.2003, p. 7.
([7]) ĠU L 176, 30.6.2006, p. 44.
([8]) ĠU L 276, 29.10.1996, p. 7.
([9]) ĠU L 408, 30.12.2006, p. 19.
([10]) ĠU L 240, 11.9.2009, p. 14.
([11]) ĠU L 365, 21.12.2006, p. 84.

(5) Minħabba l-festi pubbliċi fis-sena 2012, għandha ssir deroga, f'ċertu żmien, mir-Regolamenti (KE) Nru 2058/96, (KE) Nru 2305/2003, (KE) Nru 969/2006, (KE) Nru 1918/2006, (KE) Nru 1964/2006, (KE) Nru 1067/2008 u (KE) Nru 828/2009 fir-rigward tad-dati għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni, sabiex tkun assigurata l-konformità mal-volumi tal-kwota kkonċernati.

(6) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 382/2008 tal-21 ta' April 2008 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni għal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella ([1]), l-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1518/2003 tat-28 ta' Awwissu 2003 iniżżel [li jniżżel] ir-regoli dettaljati biex jimplimenta s-sistema tal-liċenzji ta' esportazzjoni fis-settur tal-laħam tal-majjal ([2]), l-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2010 tat-13 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema tal-liċenzi tal-esportazzjoni fis-settur tal-bajd ([3]) u l-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni 90/2011 tat-3 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implementazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur ([4]), jipprovdu li l-liċenzji tal-esportazzjoni jinħarġu fil-jum tal-Erbgħa li jiġi wara l-ġimgħa li fiha jkunu ġew ippreżentati l-applikazzjonijiet għal-liċenzji, bil-kundizzjoni li l-ebda miżura partikolari ma tkun ittieħdet mill-Kummissjoni sa dakinhar.

(7) L-Artikolu 7(d)(1), tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 dwar il-kummerċ ma' pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([5]), jipprovdi li l-liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor u tal-isoglukożju li jaqbżu l-kwota jinħarġu fil-jum tal-Ġimgħa li jiġi wara l-ġimgħa li fiha jkunu ġew ippreżentati l-applikazzjonijiet għal-liċenzji, bil-kundizzjoni li l-ebda miżura partikolari ma tkun ittieħdet mill-Kummissjoni sa dakinhar.

(8) Minħabba l-festi pubbliċi fis-sena 2012 u l-effetti fuq il-pubblikazzjoni ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,* jirriżulta li l-perjodu minn meta jiġu ppreżentati l-applikazzjonijiet u l-jum meta jinħarġu l-liċenzji huwa qasir wisq biex jiżgura ġestjoni tajba tas-suq. Għalhekk jeħtieġ li dan il-perjodu jiġi estiż.

(9) Għaldaqstant, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1000/2010 ([6]), li jidderoga minn ċerti Regolamenti f'dak li jirrigwarda d-dati għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u għall-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni fl-2011 għandu jiġi revokat.

(10) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Ċereali**

1. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1067/2008, għas-sena 2012, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni tal-qamħ komuni ta' kwalità differenti minn dik superjuri fil-kuntest tal-kwoti 09.4123, 09.4124 u 09.4125 ma jistgħux jibqgħu jitressqu wara l-Ġimgħa, 14 ta' Diċembru 2012, fis-13:00, ħin ta' Brussell.

2. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 2305/2003, għas-sena 2012, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni tax-xgħir fil-kuntest tal-kwota 09.4126 ma jistgħux jibqgħu jitressqu wara l-Ġimgħa, 14 ta' Diċembru 2012, fis-13:00, ħin ta' Brussell.

3. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 969/2006, għas-sena 2012, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni tal-qamħirrun fil-kuntest tal-kwota 09.4131 ma jistgħux jibqgħu jitressqu wara l-Ġimgħa, 14 ta' Diċembru 2012, fis-13:00, ħin ta' Brussell.

*Artikolu 2*

**Ross**

1. B'deroga mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 2058/96, għas-sena 2012, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni tar-ross miksur fil-kuntest tal-kwota 09.4079 ma jistgħux jibqgħu jitressqu wara l-Ġimgħa 7 ta' Diċembru 2012 fis-13:00, ħin ta' Brussell.

2. B'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1964/2006, għas-sena 2012, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni tar-ross li joriġina mill-Bangladexx fil-kuntest tal-kwota 09.4517 ma jistgħux jibqgħu jitressqu wara l-Ġimgħa 7 ta' Diċembru 2012 fis-13:00, ħin ta' Brussell.

*Artikolu 3*

**Zokkor**

B'deroga mill-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 828/2009, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni tal-prodotti tas-settur taz-zokkor fil-kuntest tal-kwoti 09.4221, 09.4231, 09.4241 sa 09.4247, ma jistgħux jibqgħu jitressqu wara l-Ġimgħa 14 ta' Diċembru 2012 fis-13:00, ħin ta' Brussell, u sal-Ġimgħa 28 ta' Diċembru 2012 fis-13:00, ħin ta' Brussell.

---

([1]) ĠU L 115, 29.4.2008, p. 10.
([2]) ĠU L 217, 29.8.2003, p. 35.
([3]) ĠU L 328, 14.12.2010, p. 1.
([4]) ĠU L 30, 4.2.2011, p. 1.
([5]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([6]) ĠU L 290, 6.11.2010, p. 26.

*Artikolu 4*

**Żejt taż-żebbuġa**

B'deroga mill-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 1918/2006, il-liċenzji tal-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa li l-applikazzjonijiet għalihom tressqu matul il-perjodi msemmija fl-Anness I għal dan ir-Regolament għandhom jinħarġu fid-dati korrispondenti inklużi f'dak l-Anness, bla ħsara għall-miżuri adottati b'applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006.

*Artikolu 5*

**Liċenzji tal-esportazzjoni b'rifużjonijiet għas-setturi tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella u tal-laħam tal-majjal, tal-bajd u tal-laħam tat-tjur**

B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 382/2008, mill-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 1518/2003, mill-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2010 u mill-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 90/2011, il-liċenzji tal-esportazzjoni li għalihom tressqu applikazzjonijiet matul il-perjodi msemmija fl-Anness II għal dan ir-Regolament għandhom jinħarġu fid-dati korrispondenti inklużi f'dak l-Anness, filwaqt li jitqiesu, jekk ikun meħtieġ, il-miżuri partikolari msemmija fl-Artikolu 12(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 382/2008, fl-Artikolu 3(4) u (4a) tar-Regolament (KE) Nru 1518/2003, fl-Artikolu 3(4) u (5), tar-Regolament (UE) Nru 1178/2010 u fl-Artikolu 3(4) u (5), tar-Regolament (UE) Nru 90/2011, li jkunu ttieħdu qabel dawk id-dati tal-ħruġ.

*Artikolu 6*

**Zokkor u isoglukożju li jaqbżu l-kwota**

B'deroga mill-Artikolu 7d(1) tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, il-liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor u tal-isoglukożju li jaqbżu l-kwota li għalihom tressqu applikazzjonijiet matul il-perjodi msemmija fl-Anness III għal dan ir-Regolament għandhom jinħarġu fid-dati korrispondenti li jinsabu f'dak l-Anness, filwaqt li jitqiesu, jekk ikun meħtieġ, il-miżuri partikolari msemmija fl-Artikolu 9(1) u (2), tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, li jkunu ttieħdu qabel dawk id-dati tal-ħruġ.

*Artikolu 7*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ottubru 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

*ANNESS I*

| Perjodi ta' tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa | Dati tal-ħruġ |
|---|---|
| It-Tnejn 2 jew it-Tlieta 3 ta' April 2012 | Il-Ġimgħa 13 ta' April 2012 |
| It-Tnejn 14 jew it-Tlieta 15 ta' Mejju 2012 | L-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012 |
| It-Tnejn 21 jew it-Tlieta 22 ta' Mejju 2012 | L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2012 |
| It-Tnejn 29 jew it-Tlieta 30 ta' Ottubru 2012 | Il-Ħamis 8 ta' Novembru 2012 |

*ANNESS II*

| Perjodi ta' tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni fis-setturi tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella, tal-laħam tal-majjal, tal-bajd u tal-laħam tat-tjur | Dati tal-ħruġ |
|---|---|
| Mit-2 ta' April sas-6 ta' April 2012 | fit-12 ta' April 2012. |
| Mit-23 sas-27 ta' April 2012 | fit-3 ta' Mejju 2012. |
| Mill-21 sal-25 ta' Mejju 2012 | fil-31 ta' Mejju 2012. |
| Mis-17 sat-28 ta' Diċembru 2012 | fis-7 ta' Jannar2013. |

*ANNESS III*

| Perjodi ta' tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor u tal-isoglukożju li jaqbżu l-kwota | Dati tal-ħruġ |
|---|---|
| Mit-23 sas-27 ta' April 2012 | fis-7 ta' Mejju 2012. |
| Mis-6 sal-10 ta' Awwissu 2012 | fl-20 ta' Awwissu 2012. |
| Mis-17 sat-28 ta' Diċembru 2012 | fis-7 ta' Jannar 2013. |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1109/2011

## tat-3 ta' Novembru 2011

## li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2075/2005 rigward il-Metodi Ekwivalenti għall-ittestjar tat-*Trichinella*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem ([1]), u b'mod partikolari l-parti ta' qabel tal-frażi introduttorja tal-Artikolu 18 u l-punti 8, 9 u 10 ta' dak l-Artikolu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2075/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistipula regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali għat-*Trichinella* fil-laħam ([2]) jipprevedi l-metodi ta' skoperta tat-*Trichinella* f'kampjuni ta' karkassi. Il-metodu ta' referenza huwa stabbili fil-Kapitolu I tal-Anness I ta' dan ir-Regolament. Tliet metodi ta' skoperta ekwivalenti għall-metodu ta' referenza huma stabbiliti fil-Kapitolu II tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2075/2005, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1245/2007 ([3]) jippermetti l-użu ta' pepsin likwidu għall-iskoperta tat-*Trichinella* fil-laħam u jistabbilixxi r-rekwiżiti tiegħu meta jintuża bħala reaġent fil-metodi tal-iskoperta. Għaldaqstant huwa xieraq li jiġu stipulati wkoll ir-rekwiżiti identiċi għall-metodi ekwivalenti ta' skoperta, meta jkun rilevanti. Il-Parti C tal-Kapitolu II tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2075/2005 għaldaqstant għandha tiġi emendata skont dan.

(3) Barra minn hekk, xi kumpaniji privati bdew jipproduċu apparati ġodda għall-ittestjar għat-*Trichinella* li jużaw metodu ta' diġestjoni ekwivalenti għall-metodu ta' referenza. Wara dawn l-iżviluppi, il-linji gwida għall-validazzjoni ta' apparati ġodda għall-ittestjar għat-*Trichinella* permezz tal-metodu ta' diġestjoni ġew awtorizzati b'mod unanimu matul il-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-16 ta' Diċembru 2008.

(4) Fl-2010 ġie vvalidat metodu ġdid ta' apparat għall-ittestjar għat-*Trichinella* fil-ħnieżer domestiċi mil-Laboratorju ta' Referenza tal-UE għall-parassiti b'konformità ma' dawn il-linji gwida.

(5) Ir-riżultati tal-validazzjoni juru li l-apparat il-ġdid u metodu marbut mal-iskoperta tat-*Trichinella*, ivvalidat skont il-kodiċi tal-Laboratorju ta' Referenza tal-UE, Nru EURLP_D_001/2011 ([4]), huwa ekwivalenti għall-metodu ta' referenza kif stabbilit fil-Kapitolu I tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2075/2005. Għaldaqstant, għandu jiġi inkluż fil-lista ta' metodi ekwivalenti għall-iskoperta elenkati fil-Kapitolu II tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2075/2005.

(6) Il-Kapitolu II tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2075/2005 għaldaqstant għandu jiġi emendat skont dan.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2075/2005 huwa emendat b'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206.
([2]) ĠU L 338, 22.12.2005, p. 60.
([3]) ĠU L 281, 25.10.2007, p. 19.
([4]) http://www.iss.it/crlp/index.php

*ANNESS*

Il-Kapitolu II tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2075/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti C, il-punt 1(f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) Pepsin, saħħa 1: 10 000 NF (US National Formulary) li jikkorrispondu għal 1: 12 500 BP (British Pharmacopoeia) u għal 2 000 FIP (International Pharmaceutical Federation), jew likwidu pepsin stabilizzat b'minimu ta' 660 unità/ml tal-Farmakopea Ewropej"

(2) Il-Parti D li ġejja għandha tiġi miżjuda:

"D. **Il-metodu tat-tħawwid manjetiku għad-diġestjoni tal-kampjuni miġbura flimkien/ "fl-iżolazzjoni tal-filter" u s-sejba tal-larva permezz tat-test tal-agglutinazzjoni tal-latex**

***Dan il-metodu huwa kkunsidrat bħala ekwivalenti biss għall-ittestjar tal-laħam ta' ħnieżer domestiċi.***

1. *Apparat u reaġenti*

(a) Sikkina jew imqass u pinzetti biex jaqtgħu l-kampjuni.

(b) Gabarrejiet imqassma f'50 kaxxa li kull waħda minnhom tista' żżomm kampjun ta' madwar 2 g ta' laħam, jew għodod oħra li jagħtu garanzija ekwivalenti fir-rigward tat-traċċabilità tal-kampjuni.

(c) Blender b'xafra li taqta'. Meta l-kampjuni jkunu akbar minn 3 g, jeħtieġ li jintużaw jew magna tal-ikkapuljat wiesgħa minn 2 sa 4 mm jew imqass. Fil-każ ta' laħam jew ilsien iffriżat (wara li jitneħħa s-saff superfiċjali, li ma jistax jiġi diġestit), hija meħtieġa magna tal-ikkapuljat u d-daqs tal-kampjun jeħtieġ li jiżdied b'mod konsiderevoli.

(d) Oġġetti manjetiċi li jħawdu bi platt li jsaħħan ikkontrollat termostatikament u vireg li jħawdu miksija bit-teflon twal madwar 5 cm.

(e) Ġarar tal-ħġieġ, b'kapaċità ta' 3 litri.

(f) Passaturi, bid-daqs tat-toqob ta' 180 mikron, b'dijametru estern ta' 11-il cm b'toqob tal-azzar inossidabbli.

(g) Apparat tal-azzar li jiffiltra għal filtri b'toqob ta' 20 μm b'lenbut tal-azzar.

(h) Pompa tal-vaku.

(i) Tankijiet tal-metall jew tal-plastik, b'kapaċità minn 10 sa 15-il litru, biex jiġbru l-meraq diġestiv.

(j) Aġitatur 3D li jitbandal.

(k) Fojl tal-aluminju.

(l) 25 % aċidu idrokloriku.

(m) Pepsin, saħħa: 1: 10 000 NF (US National Formulary) li jikkorrispondu għal 1: 12 500 BP (British Pharmacopoeia) u għal 2 000 FIP (International Pharmaceutical Federation), jew pepsin likwidu stabilizzat b'minimu ta' 660 unità/ml tal-Farmakopea Ewropej

(n) Ilma tal-vit imsaħħan minn 46 sa 48 °C.

(o) Miżien preċiż sa 0,1 g.

(p) Pipetti ta' daqsijiet differenti (1, 10 u 25 ml), mikropipetti skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur tal-agglutinazzjoni tal-latex u dawk li jżommu l-pipetta.

(q) 20 mikron b'filtri tax-xibka tan-najlon b'dijametru li jiffittja mas-sistema ta' filtrazzjoni.

(r) Pinzetti tal-plastik jew tal-azzar ta' 10-15-il cm.

(s) Vjali koniċi ta' 15-il ml.

(t) Lida b'xifer koniku tat-Teflon jew tal-azzar biex jiffittjaw fil-vjali koniċi.

(u) Termometru preċiż sa 0,5 °C fil-firxa minn 1 sa 100 °C.

(v) Kards tal-agglutinazzjoni tal-latex tal-kit għat-test tal-antiġene Trichin-L ivvalidata taħt il-kodiċi Nru EURLP_D_001/2011.

(w) Soluzzjoni tal-buffer bi preservattiv (dilwent kampjun) tal-kit għat-test tal-antiġene Trichin-L ivvalidata taħt il-kodiċi Nru EURLP_D_001/2011.

(x) Buffer b'suppliment ta' preservattiv (kontroll negattiv) tal-kit tat-test tal-antiġene Trichin-L ivvalidata taħt il-kodiċi Nru EURLP_D_001/2011.

(y) Buffer b'suppliment ta' antiġene u preservattiv ta' *Trichinella* spiralis (kontroll pożittiv) tal-kit għat-test tal-antiġene Trichin-L ivvalidata taħt il-kodiċi Nru EURLP_D_001/2011.

(z) Buffer b'partikoli tal-polistirene miksija b'antikorpi supplimentati bi preservattiv (żibeġ tal-latex) tal-kit tat-test tal-antiġene Trichin-L ivvalidata taħt il-kodiċi Nru EURLP_D_001/2011.

(aa) Bsaten li jintremew.

2. *Il-ġbir ta' kampjuni*

Kif stipulat fil-Kapitolu I (2).

3. *Proċedura*

I. Għal ġabriet sħaħ (100 g ta' kampjuni kull darba), il-proċedura stabbilita f'punti (a) sa (i) tal-Kapitolu I (3) (I) għandha tiġi segwita. Barra minn hekk, għandha tapplika l-proċedura li ġejja:

(a) L-20 filtru tat-toqob mikron tan-najlon jinsab fuq l-appoġġ tal-filtrazzjoni fuq l-appoġġ tal-filtrazzjoni. Il-lenbut tal-azzar tal-filtrazzjoni konika hija fissa mal-appoġġ tas-sistema sħiħa u l-passatur tal-azzar ta' daqs ta' 180 mikron huwa mqiegħed fuq il-lenbut. Il-pompa tal-vakwu hija mqabbda mal-appoġġ ta' filtrazzjoni u mat-tank tal-metall jew tal-plastik, biex tiġbor il-fluwidi diġestiti.

(b) Ieqaf ħawwad u ferra l-fluwidu tad-diġestjoni fil-lenbut tal-filtrazzjoni permezz tal-passatur. Laħlaħ il-bekk b'250 ml ilma sħun. Il-likwidu li jlaħlaħ jeħtieġ jitferra fir-ramp ta' filtrazzjoni wara li l-fluwidu diġestit ikun ġie ffiltrat b'suċċess.

(ċ) Bil-pinzetti, ħu l-membrana tal-filtrazzjoni filwaqt li żżommha mix-xifer. Itwi l-membrana tal-filtrazzjoni f'minimu ta' erbgħa u poġġiha fit-tubu koniku ta' 15-il ml.

(d) Il-membrana ffiltrata hija mbuttata fil-qiegħ tat-tubu koniku ta' 15-il ml bl-għajnuna tal-lida u ppressata bis-saħħa permezz ta' moviment suċċessiv 'il quddiem u lura bil-lida li għandha titqiegħed ġewwa l-membrana ffiltrata mitwija skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

(e) Il-kampjun tad-dilwent huwa miżjud fit-tubu koniku ta' 15-il ml b'pipetta u l-membrana ta' filtrazzjoni hija omoġenizzata bil-lida permezz ta' movimenti suċċessivi ta' amplitudni baxxa 'l quddiem u lura, u filwaqt li jiġu evitati movimenti f'daqqa biex jillimitaw it-titjir tal-likwidu skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

(f) Kull kampjun, il-kontroll negattiv, u l-kontroll pożittiv, jitqiegħdu f'oqsma differenti tal-kard tal-agglutinazzjoni bl-użu ta' pipetti, skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

(g) Iż-żibeġ tal-latex huma miżjuda f'kull qasam tal-kard tal-agglutinazzjoni permezz ta' pipetta, skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur, mingħajr ma jkun hemm kuntatt mal-kampjun(i) u l-kontrolli. F'kull qasam, iż-żibeġ tal-latex huma mħallta bil-mod ma' stikek li jintremew sakemm il-likwidu omoġenju jgħatti l-qasam kollu.

(h) Il-kard tal-agglutinazzjoni titqiegħed fuq l-aġitatur 3D u titbandal skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

(i) Wara l-ħin stabbilit mill-istruzzjonijiet tal-manifattur, it-tbandil jitwaqqaf u l-kard ta' agglutinazzjoni titqiegħed fuq wiċċ ċatt u jinqraw ir-riżultati ta' reazzjoni. Fil-każ ta' kampjun pożittiv, jeħtieġ li jidhru ż-żibeġ aggregati. Fil-każ ta' kampjun negattiv, is-sospensjoni tibqa' omoġenja mingħajr żibeġ aggregati.

(j) It-tagħmir kollu f'kuntatt mal-laħam jeħtieġ li jkun dekontaminat sew bejn esperiment u ieħor billi jitqiegħed għal ftit sekondi f'ilma sħun (60 °C sa 90 °C). L-uċuħ li fuqhom jibqa' residwi tal-ilma jew larva/i mhux attivata/i, dawn jistgħu jitnaddfu bi sponża nadifa u ilma tal-vit. Ladarba l-proċedura tkun iffinalizzata, jistgħu jinżdiedu qatriet żgħar tad-deterġent biex jitneħħa x-xaħam minn fuq it-tagħmir. Imbagħad kull biċċa jeħtieġ li titlaħlaħ sew bosta drabi sabiex tneħħi t-traċċi kollha tad-deterġent.

(k) Il-lida jeħtieġ li tkun dekontaminata sew bejn l-esperimenti billi titpoġġa għal ftit sekondi f'minn tal-inqas 250 ml ta' ilma sħun (60 °C sa 90 °C). Ir-residwi tal-laħam jew larva mhux attivata li jista' jkun baqa' fuq il-wiċċ iridu jitneħħew bi sponża nadifa u ilma tal-vit. Ladarba l-proċedura tkun iffinalizzata, jistgħu jinżdiedu qatriet żgħar tad-deterġent biex jitneħħa x-xaħam tal-lida. Imbagħad il-lida teħtieġ li titlaħlaħ sew bosta drabi sabiex tneħħi t-traċċi kollha tad-deterġent.

II. Ġabriet ta' inqas minn 100 g kif stipulat fil-Kapitolu I (3)(II)

Għal ġabriet ta' inqas minn 100 g, il-proċedura stabbilita fil-Kapitolu I(3)(II) jeħtieġ li tiġi segwita.

III. Riżultati pożittivi jew dubjużi

Meta l-eżaminazzjoni ta' kampjun kollettiv tipproduċi riżultat pożittiv jew mhux ċert tal-agglutinazzjoni tal-latex, jittieħed kampjun ieħor ta' 20 g minn kull ħanżir skont il-Kapitolu I 2(a). Il-kampjuni ta' 20 g minn ħamest iħnieżer jinġabru u jiġu eżaminati billi jintuża l-metodu deskritt fil-punt I. B'dan il-mod il-kampjuni minn 20 grupp ta' ħamest iħnieżer għandhom jiġu eżaminati.

Meta tinkiseb agglutinazzjoni pożittiva tal-latex minn grupp ta' ħamest iħnieżer, jinġabru 20 g oħra ta' kampjuni mill-individwi fil-grupp u kull wieħed huwa eżaminat separatament billu juża wieħed mill-metodi deskritti fil-Kapitolu I.

Il-kampjuni tal-parassiti jeħtieġ li jinżammu f'alkoħol etiliku ta' 90 % għall-konservazzjoni u l-identifikazzjoni fil-livell tal-ispeċe fil-laboratorju ta' referenza tal-UE jew f'dak nazzjonali.

Wara l-ġbir tal-parassiti, il-fluwidi pożittivi jeħtieġ li jiġu dekontaminati billi jissaħħnu sa mill-inqas 60 °C."

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1110/2011

## tat-3 ta' Novembru 2011

## li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni enżimatika ta' endo-1,4-beta-ksinalażi prodotta minn *Trichoderma reesei* (CBS 114044), addittiv fl-għalf għat-tiġieġ li jbidu, speċi minuri tat-tjur u ħnieżer għat-tismin (detentur tal-awtorizzazzjoni Roal Oy)

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprovdi għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din it-tip ta' awtorizzazzjoni.

(2) B'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni enżimatika ta' endo-1,4-beta-ksinalażi prodotta mit-*Trichoderma reesei* (CBS 114044). L-applikazzjoni kienet akkumpanjata mid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni enżimatika ta' endo-1,4-beta-ksilanażi prodotta minn *Trichoderma reesei* (PTA 114044) bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ li jbidu, speċi minuri tat-tjur u ħnieżer għat-tismin, biex tkun ikklassifikata fil-kategorija tal-addittivi "addittivi żootekniċi".

(4) L-użu ta' dik il-preparazzjoni ġiet awtorizzata għal 10 snin għat-tiġieġ għat-tismin u t-tiġieġ mrobbija biex ibidu, id-dudjani għat-tismin, id-dundjani mrobbija biex ibidu u għall-ħnienes miftuma bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 902/2009 ([2]).

(5) Kienet tressqet dejta ġdida li tappoġġja l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni enżimatika ta' endo-1,4-beta-ksinalażi prodotta minn *Trichoderma reesei (CBS 114044)*, għat-tiġieġ li jbidu, speċi minuri tat-tjur u ħnieżer għat-tismin. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") kkonkludiet fl-opinjonijiet tagħha tal-14 ta' Ġunju 2011 ([3]) li skont il-kundizzjonijiet tal-użu proposti, l-endo-1,4-beta-ksinalażi prodotta minn *Trichoderma reesei* (CBS 114044) ma għandhiex effett negattiv fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent u li l-użu ta' dik il-preparazzjoni ttejjeb il-prestazzjoni tat-tiġieġ li jbidu u tat-tkabbir ta' speċi minuri tat-tjur oħra u tal-ħnieżer għat-tismin. L-Awtorità tqis li wara t-tqegħid fis-suq ma hemmx bżonn ta' ħtiġijiet speċifiċi ta' monitoraġġ. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittiv fl-għalf imressaq mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(6) Il-valutazzjoni tal-endo-1,4-beta-ksinalażi prodotta minn *Trichoderma reesei* (CBS 114044) turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' din il-preparazzjoni kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi awtorizzat.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi żootekniċi" u mill-grupp funzjonali "sustanzi li jtejbu d-diġestibilità", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutrizzjoni tal-annimali, soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) ĠU L 256, 29.9.2009, p. 23.
([3]) *EFSA Journal* 2011; 9(6):2277.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | L-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħrajn | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Unitajiet ta' attività/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 % | | | |
| **Kategorija ta' addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: sustanzi li jtejbu d-diġestibilità.** | | | | | | | | | |
| 4a8 | Roal Oy | Endo-1,4-beta ksinalażi EC 3.2.1.8 | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-ksilanażi prodotta minn *Trichoderma reesei* (CBS 114044) li għandha attività minima ta':<br>f'għamla solida; 4 × $10^6$ BXU ([1]) /g<br>f'għamla likwida: 4 × $10^5$ BXU/g<br><br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>endo-1,4-beta-ksilanażi prodotta minn *Trichoderma reesei* (CBS 114044)<br><br>*Metodu analitiku* ([2])<br>Fl-addittiv u fit-taħlitiet minn qabel: Analizi taz-zokkor ta' riduzzjoni għal endo-1,4-beta-ksilanażi permezz ta' reazzjoni kolorimetrika tar-reaġent ta' aċtu dinitrosaliċiliku fuq il-produzzjoni ta' zokkor ta' riduzzjoni ta' pH 5,3 u 50 °C.<br>Fl-għalf: metodu kolorimetriku li jkejjel il-kulur li jinħall fl-ilma rilaxxat mill-enżimi mill-ażurina li hi magħquda ma' sottostrat arabinoksilan tal-qamħ. | Speċi minuri tat-tjur minbarra t-tajr tal-bajd | — | 8 000 BXU | — | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tal-pretaħlita, indika t-temperatura għall-ħażna, kemm żmien tista' tinżamm il-ħażna, u l-istabbiltà għall-pelleting<br>2. Għas-sigurtà: protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ngwanti għandhom jintużaw waqt l-immaniġġjar | l-24 ta' Novembru 2021 |
| | | | | Tiġieġ li jbidu u tjur li jbidu ta' speċi minuri tat-tjur | | 24 000 BXU | | | |
| | | | | Ħnieżer għat-tismin | | 24 000 BXU | | | |

([1]) 1 BXU huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 nmol ta' zokkor ta' riduzzjoni bħala ksilożju minn ksilan tal-injam tal-betan kull sekonda f' pH ta' 5,3 u 50 °C.
([2]) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi huma disponibbli fuq is-sit ta' hawn taħt tal-Laboratorju ta' Referenza: http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL_feed_additives/Pages/index.aspx

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1111/2011

## tat-3 ta' Novembru 2011

## dwar l-awtorizzazzjoni tal-*Lactobacillus plantarum* (NCIMB 30236) bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutriment tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni.

(2) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-*Lactobacillus plantarum* (NCIMB 30236). Dik l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-*Lactobacillus plantarum* (NCIMB 30236) bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali, li għandu jiġi klassifikat fil-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi".

(4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"), fl-opinjoni tagħha tal-14 ta' Ġunju 2011 ([2]), ikkonkludiet li l-*Lactobacillus plantarum* (NCIMB 30236) ma għandux effett ta' ħsara fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent, u li din il-preparazzjoni għandha l-potenzjal li ttejjeb il-produzzjoni tal-ħżin tas-silage mill-foraġġi kollha billi tnaqqas il-pH u żżid il-preservazzjoni tal-materja niexfa u tal-proteina. L-Awtorità tqis li wara t-tqegħid fis-suq ma hemmx bżonn ta' ħtiġijiet speċifiċi ta' monitoraġġ. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittiv fl-għalf imressaq mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) Il-valutazzjoni tal-*Lactobacillus plantarum* (NCIMB 30236) turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għalhekk, l-użu ta' dik il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi teknoloġiċi" u mill-grupp funzjonali "addittivi tas-silage", hija awtorizzata bħala addittiv fl-għalf tal-annimali suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

([2]) *EFSA Journal* 2011; 9(6):2275.

*ANNESS*

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | L-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku. | Speċi jew kategorija ta' annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet ohrajn | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazz-joni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | CFU/kg ta' materjal frisk | | | |
| **Kategorija ta' addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: additivi tal-ħżin tas-silage.** | | | | | | | | | |
| 1k2073 | — | *Lactobacillus plantarum* (NCIMB 30236) | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br><br>Preparazzjoni tal-*Lactobacillus plantarum* (NCIMB 30236) li jkollha minimu ta' 1,2x10$^{11}$ CFU/g ta' addittiv<br><br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br><br>*Lactobacillus plantarum* (NCIMB 30236)<br><br>*Metodu analitiku* (1)<br><br>Enumerazzjoni fl-addittiv tal-għalf: metodu tat-tifrix; EN 15787<br>Identifikazzjoni: Elettroforeżi bil-Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE). | L-ispeċi tal-annimali kollha | — | — | — | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlita ta' qabel, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, u kemm jista' jdum maħżun..<br><br>2. Id-doża minima tal-addittiv meta użata ma' taħlita ta' mikroorga-niżmi oħrajn bħala addittivi tas-silage. 2,4x10$^{8}$CFU/kg materjal frisk.<br><br>3. Għas-sikurezza: huwa rakkomandat li tintuża protezzjoni għall-imnif-sejn u par ingwanti waqt l-imma-niġġjar. | 24.11.2021 |

(1) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi huma disponibbli fuq is-sit ta' hawn taħt tal-Laboratorju ta' Referenza: http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL_feed_additives/Pages/index.aspx

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1112/2011

## tat-3 ta' Novembru 2011

## li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 dwar l-entrata għall-Paragwaj fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji u partijiet minnhom awtorizzati biex jintroduċu fl-Unjoni ċertu laħam frisk

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([1]), u b'mod partikolari l-frażi ta' introduzzjoni tal-Artikolu 8 u l-ewwel subparagrafu ta' punt 1 tal-Artikolu 8 tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati li jintroduċu fl-Unjoni Ewropea ċerti annimali u laħam frisk u r-rekwiżiti għal ċertifikazzjoni veterinarja ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti għal ċertifikazzjoni veterinarja biex jiġu introdotti fl-Unjoni ċerti kunsinni ta' annimali ħajjin jew ta' laħam frisk. Dan jistipula li dawn it-tali kunsinni jiġu introdotti biss jekk ikunu ġejjin minn pajjiżi terzi, territorji u partijiet minnhom li jidhru fil-lista ta' Parti 1 tal-Anness II ta' dak ir-Regolament.

(2) Fid-19 ta' Settembru 2011, il-Paragwaj għarraf lill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) li kienet faqqgħet il-marda tal-ilsien u d-dwiefer. Din faqqgħet fid-disrett ta' San Pedro u kienet ikkonfermata fit-18 ta' Settembru 2011 b'analiżi mil-laboratorju (ELISA u EITB).

(3) Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 tispeċifika li importazzjonijiet mill-Paragwaj ta' laħam frisk ta' annimali bovini domestiċi huma awtorizzati.

(4) Minħabba r-riskju li tfaqqa' l-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-Unjoni b'rabta mal-importazzjoni ta' laħam bovin frisk mill-Paragwaj, u fl-assenza ta' garanziji li jippermettu r-reġjonalizzazzjoni tal-Paragwaj, it-tali importazzjonijiet m'għandhomx ikunu iżjed awtorizzati. L-entrata tal-Paragwaj f'Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 għandha tiġi emendata skont dan.

(5) Ir-Regolament (UE) Nru 206/2010 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

F'Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, l-entrata għall-Paragwaj għandha tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "PY – Paragwaj | PY-0 | Il-pajjiż kollu | EQU | | | | |
| | PY-1 | Il-pajjiż kollu ħlief iż-żona maħsuba għal livell għoli ta' sorveljanza ta' 15-il Km mill-fruntieri esterni | BOV | A | 1 | 18.9.2011 | l-1 t'Awwissu 2008" |

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
([2]) ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta’ Novembru 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1113/2011

## tat-3 ta' Novembru 2011

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

## il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 69,9 |
| | MA | 44,1 |
| | MK | 61,4 |
| | TR | 88,3 |
| | ZZ | 65,9 |
| 0707 00 05 | AL | 73,2 |
| | TR | 140,5 |
| | ZZ | 106,9 |
| 0709 90 70 | MA | 107,9 |
| | TR | 105,2 |
| | ZZ | 106,6 |
| 0805 20 10 | MA | 155,4 |
| | ZZ | 155,4 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | AR | 54,5 |
| | HR | 61,5 |
| | MA | 62,4 |
| | TR | 66,7 |
| | UY | 66,3 |
| | ZZ | 62,3 |
| 0805 50 10 | AR | 79,2 |
| | CL | 76,1 |
| | TR | 61,5 |
| | ZA | 72,1 |
| | ZZ | 72,2 |
| 0806 10 10 | BR | 246,3 |
| | LB | 291,0 |
| | TR | 135,7 |
| | US | 252,5 |
| | ZA | 80,8 |
| | ZZ | 201,3 |
| 0808 10 80 | CA | 92,8 |
| | NZ | 127,6 |
| | US | 86,2 |
| | ZA | 127,4 |
| | ZZ | 108,5 |
| 0808 20 50 | CN | 51,8 |
| | TR | 130,3 |
| | ZZ | 91,1 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-3 ta’ Novembru 2011**

**li tagħti deroga mitluba mill-Italja fir-rigward tar-Reġjuni tal-Emilia Romagna, il-Lombardia, il-Piemonte u l-Veneto skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli**

*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 7770)*

**(It-test bil-lingwa Taljana biss huwa awtentiku)**

(2011/721/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta’ Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli [1] u b’mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Anness III għaliha,

Billi:

(1) Jekk l-ammont ta’ demel li Stat Membru bi ħsiebu japplika għal kull ettaru fis-sena huwa differenti minn dak speċifikat fl-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Anness III għad-Direttiva 91/676/KEE u fil-punt (a) ta’ dak is-subparagrafu, dak l-ammont għandu jiġi ffissat sabiex ma jippreġudikax l-ilħuq tal-għanijiet speċifikati fl-Artikolu 1 ta’ dik id-Direttiva u għandu jkun iġġustifikat abbażi ta’ kriterji oġġettivi, bħal staġuni twal ta’ kultivazzjoni u uċuħ b’rata għolja ta’ assorbiment tan-nitroġenu.

(2) L-Italja ressqet talba lill-Kummissjoni għal deroga skont it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Anness III għad-Direttiva 91/676/KEE fir-rigward tar-Reġjuni tal-Emilia Romagna, il-Lombardia, il-Piemonte u l-Veneto.

(3) Id-dedroga mitluba tikkonċerna l-intenzjoni tal-Italja li tippermetti l-applikazzjoni fir-Reġjuni tal-Emilia Romagna, il-Lombardia, il-Piemonte u l-Veneto sa massimu ta’ 250 kg ta’ nitroġenu għal kull ettaru kull sena minn demel tal-ifrat u minn demel ipproċessat tal-ħnieżer f’farms b’mill-anqas 70 % tal-uċuħ b’assorbiment għoli ta’ nitroġenu u bi staġun twil tat-tkabbir. Huwa stmat li d-deroga potenzjalment tiġbor taħtha madwar 10 313 farm tal-ifrat u 1 241 farm tal-ħnieżer fir-Reġjuni tal-Emilia Romagna, il-Lombardia, il-Piemonte u l-Veneto, li jgħoddu rispettivament għal 15,9 % u 9,7 % tal-farms kollha tal-ifrat u tal-ħnieżer f’dawn ir-Reġjuni, għal 10,7 % tal-Art Agrikola Użata u 29,1 % tal-bhejjem tal-ħalib kollha u għal 49,3 % tal-għadd totali ta’ ħnieżer fl-istess Reġjuni. Barra minn dan, il-farms tar-raba’ jistgħu japplikaw ukoll għad-deroga.

(4) Il-leġiżlazzjoni li timplimenta d-Direttiva 91/676/KEE u tistabbilixxi l-programmi ta’ azzjoni fl-Emilia Romagna (Deċiżjoni nru 1273/2011 5.09.2011), il-Lombardia (Deċiżjoni nru IX/2208 14.09.2011), il-Piemonte (Deċiżjoni 18-2612 19.09.2011) u l-Veneto (Deċiżjoni nru 1150 26.07.2011), ġiet adottata u tapplika flimkien ma’ din id-Deċiżjoni għall-perjodu ta’ bejn 2012 u 2015.

(5) Iż-żoni vulnerabbli magħżula li japplikaw għalihom il-programmi jkopru madwar 63 % tal-Erja Agrikola Użata (EAU) tal-Emilia Romagna, 82 % tal-EAU tal-Lombardia, 38 % tal-EAU tal-Piemonte u 87 % tal-EAU tal-Veneto.

(6) Id-dejta mressqa dwar il-kwalità tal-ilma turi li għall-ilma ta’ taħt l-art fir-Reġjuni tal-Emilia Romagna, il-Lombardia, il-Piemonte u l-Veneto, 89 % mill-massa tal-ilma ta’ taħt l-art għandha medja ta’ konċentrazzjonijiet ta’ nitrati taħt il-50 mg/l ta’ nitrati u 63 % għandha medja ta’ konċentrazzjonijiet taħt il-25 mg/l ta’ nitrati. Għall-ilma tal-wiċċ, aktar minn 98 % tas-siti ta’ monitoraġġ għandhom medja ta’ konċentrazzjonijiet ta’ nitrati taħt il-25 mg/l u fl-ebda punt ma hemm konċentrazzjonijiet ta’ aktar minn 50 mg/l ta’ nitrati.

(7) Ir-Reġjuni tal-Emilia Romagna, il-Lombardia, il-Piemonte u l-Veneto jgħoddu għal aktar minn 70 % tal-bhejjem fl-Italja: partikolarment, 67,1 % tal-ifrat tal-ħalib, 60,6 % tal-ifrat l-oħra, 81 % tal-ħnieżer u 79,4 % tat-tjur. L-għadd tal-bhejjem juri xejra ’l isfel fil-perjodu 1982-2007 (medja ta’ 20 % għall-erba’ Reġjuni).

[1] ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1.

(8) Fil-perjodu 1979-2008 naqsu kemm il-konsum tan-nitroġenu kimiku kif ukoll l-użu ta' fertilizzanti bil-fosforu minerali; tal-aħħar naqas b'70 %.

(9) Il-mergħat, iż-żerriegħa tal-qamħirrun, il-qamħirrun għall-ħżin għall-għalf u ċ-ċereali tax-xitwa jokkupaw madwar 53 % tal-erja agrikola totali fl-Emilia Romagna, il-Lombardia, il-Piemonte u l-Veneto.

(10) Id-dokumenti anċillari li tressqu mat-talba għad-deroga juru li l-ammont propost ta' 250 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru fis-sena minn demel tal-ifrat u minn demel ipproċessat tal-ħnieżer huwa ġġustifikat abbażi ta' kriterji oġġettivi bħalma huma preċipitazzjoni netta għolja, staġuni twal ta' tkabbir, u produzzjoni għolja ta' uċuħ b'assorbiment għoli ta' nitroġenu.

(11) Il-Kummissjoni, wara li eżaminat it-talba, tqis li l-ammont propost ta' 250 kg għal kull ettaru minn demel tal-ifrat u minn demel ipproċessat tal-ħnieżer mhux se jippreġudika l-ksib tal-għanijiet tad-Direttiva 91/676/KEE, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet stretti.

(12) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar in-Nitrati stabbilit skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 91/676/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-deroga mitluba mill-Italja permezz tal-ittri tal-10 ta' Marzu 2011 u tat-28 ta' Lulju 2011, fir-rigward tar-Reġjuni tal-Emilia Romagna, il-Lombardia, il-Piemonte u l-Veneto, bil-għan li jiġi permess ammont ogħla ta' demel mill-bhejjem minn dak previst fl-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Anness III għad-Direttiva 91/676/KEE u fil-punt (a) tagħha, tingħata, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "farms" tfisser azjendi agrikoli kemm jekk irabbu l-bhejjem kif ukoll jekk ma jrabbux;

(b) "roqgħa ta' art" tfisser għalqa individwali jew grupp ta' għelieqi, li huma omoġenji f'dak li għandu x'jaqsam mal-uċuħ, it-tip ta' ħamrija u l-prattiki ta' fertilizzazzjoni;

(c) "mergħa" tfisser artijiet li jintużaw għall-mergħa b'mod permanenti jew temporanju (temporanju ġeneralment tfisser perjodu ta' anqas minn erba' snin);

(d) "qamħirrun li jimmatura tard" tfisser qamħirrun tal-klassi FAO 600-700, miżrugħ bejn nofs Marzu u l-bidu ta' April, b'ċiklu ta' tkabbir ta' mill-anqas 145-150 jum;

(e) "qamħirrun jew sorgu segwit bi ħxejjex tax-xitwa", tfisser qamħirrun jew sorgu li jimmatura kmieni jew ftit aktar tard segwit bi ħxejjex tax-xitwa, bħalma huma s-sikrana Taljana, ix-xgħir, it-triticale jew is-segala tax-xitwa;

(f) "ċereali tax-xitwa segwiti bi ħxejjex tax-sajf", tfisser qamħ tax-xitwa, xgħir tax-xitwa jew triticale segwiti bi ħxejjex tas-sajf, bħalma huma l-qamħirrun, is-sorgu, is-Setaria jew il-Milju (Panicum) sp.;

(g) "uċuħ b'assorbiment għoli ta' nitroġenu jew bi staġun ta' tkabbir twil" tfisser mergħa, qamħirrun li jimmatura tard, qamħirrun jew sorgu segwit bi ħxejjex tax-xitwa u b'ċereali tax-xitwa segwiti bi ħxejjex tas-sajf;

(h) "demel tal-ifrat" tfisser demel tal-bhejjem li jipproduċu l-ifrat, inkluż waqt li jkunu jirgħu jew f'forma pproċessata;

(i) "trattament tad-demel" tfisser l-ipproċessar tad-demel tal-ħnieżer f'żewġ partijiet, il-parti solida u l-oħra likwida, u li jsir biex jitjieb l-użu fl-art u jiżdied l-irkupru tan-nitroġenu u tal-fosforu;

(j) "demel ipproċessat" tfisser il-parti likwida li tirriżulta mit-trattament tad-demel tal-ħnieżer, bi proporzjon minimu ta' nitroġenu mal-fostfat ($N/P_2O_5$) ta' 2,5;

(k) "demel ipproċessat mingħajr nitroġenu" tfisser demel ipproċessat b'kontenut ta' nitroġenu ta' anqas minn 30 % meta mqabbel mal-kontenut ta' nitroġenu fid-demel tal-ħnieżer mhux ipproċessat;

(l) "ħamrijiet b'kontenut baxx ta' Materja Organika" tfisser ħamrijiet b'kontenut ta' karbonju organiku ta' anqas minn 2 % fit-30 ċentimetru ta' fuq tal-ħamrija;

(m) "ħamrijiet mingħajr salinità jew b'salinità baxxa" tfisser dawk il-ħamrijiet b'konduttività elettrika f'estratt minn għaġna saturata ta' ħamrija ECe < 4 mS/cm jew b'konduttività elettrika ta' EC 1:2 < 1 ms/cm f'estratt milwiem bi proporzjon ta' ħamrija mal-ilma ta' 1:2, jew żoni definiti li żgur mhumiex f'riskju ta' salinizzazzjoni, kif indikat fil-mapep tal-ħamrija definiti fil-livell reġjonali;

(n) "effiċjenza fl-użu tan-nitroġenu" tfisser il-perċentwali mit-total ta' nitroġenu użat fil-forma ta' demel tal-bhejjem li jkun disponibbli għall-uċuħ matul is-sena tal-użu.

*Artikolu 3*

**Ambitu**

Din id-Deċiżjoni tapplika fuq bażi individwali għal farms, fejn 70 % jew aktar tal-erja tal-farm tkun kkultivata b'uċuħ li jirrikjedu ħafna nitroġenu u staġun twil tat-tkabbir u skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 4 sa 7.

*Artikolu 4*

**Applikazzjoni u impenn annwali**

1. Il-bdiewa li jridu jibbenefikaw minn deroga skont din id-Deċiżjoni għandhom ta' kull sena jressqu applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti sal-15 ta' Frar.

2. Flimkien mal-applikazzjoni annwali msemmija fil-paragrafu 1 huma għandhom jintrabtu bil-miktub li se jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikoli 5, 6 u 7.

*Artikolu 5*

**Trattament tad-demel**

1. Il-bdiewa li jibbenefikaw minn deroga biex jużaw demel tal-ħnieżer ipproċessat għandhom ta' kull sena jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bl-informazzjoni li ġejja:

(a) it-tip ta' trattament tad-demel;

(b) il-kapaċità u l-karatteristiċi ewlenin tal-impjant tat-trattament, fosthom l-effiċjenza tiegħu;

(c) l-ammont ta' demel mibgħut għat-trattament;

(d) l-ammont, il-kompożizzjoni, fosthom speċifikazzjoni tal-kontenut tan-nitroġenu u l-fosforu, u d-destinazzjoni tal-parti solida;

(e) l-ammont, il-kompożizzjoni, fosthom speċifikazzjoni tal-kontenut tan-nitroġenu u l-fosforu, u d-destinazzjoni tad-demel ipproċessat;

(f) l-istima tat-telf f'gassijiet matul it-trattament.

2. Il-parti solida li tirriżulta mit-trattament tad-demel għandha tiġi stabbilizzata sabiex jitnaqqsu l-irwejjaħ u emissjonijiet oħrajn, jittejbu l-proprjetajiet agronomiċi u iġeniċi, jitħaffef il-maniġġ u tiżdied id-disponibbiltà tan-nitroġenu u l-fosfat għall-uċuħ. Il-prodott li jirriżultat ma għandux jintuża f'farms derogati. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jadottaw miżuri biex iħeġġu l-użu tal-parti solida stabbilizzata f'ħamrijiet b'kontenut baxx ta' Materja Organika. Dawn il-ħamrijiet huma indikati f'mapep imħejjija fil-livell reġjonali u li jkunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu l-metodoloġiji għall-valutazjoni tal-kompożizzjoni tad-demel ipproċessat, il-varjazzjonijiet fil-kompożizzjoni u l-effiċjenza tat-trattament għal kull farm li jibbenefika minn deroga individwali.

4. L-ammonja u l-emissjonijiet oħra mit-trattament tad-demel għandhom jiġu mmonitorjati mill-awtoritajiet kompetenti f'postijiet rappreżentattivi għal kull teknika ta' trattament. Għandu jitħejja inventarju tal-emissjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti abbażi tar-riżultati tal-monitoraġġ.

*Artikolu 6*

**Użu ta' demel u fertilizzanti oħra**

1. L-ammont ta' demel tal-ifrat, inkluż dak mill-bhejjem stess, u ta' demel ipproċessat applikat fuq l-art kull sena f'farms li jibbenefikaw minn deroga ma għandux jaqbeż l-ammont ta' demel li jkun fih 250 kg nitroġenu għal kull ettaru, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 12.

2. L-ammonti totali ta' nitroġenu użat ma għandhomx jaqbżu l-bżonn prevista ta' nutrijent għall-wiċċ ikkunsidrat. Għandu jqis id-disponibbiltà fil-ħamrija u d-disponibbiltà ogħla ta' nitroġenu fid-demel minħabba t-trattament tad-demel. Ma għandux jaqbeż l-istandards massimi ta' applikazzjoni, kif stabbiliti fil-programmi ta' azzjoni applikabbli għall-farm.

3. L-ammonti totali ta' fosforu użat ma għandhomx jaqbżu l-bżonn prevista ta' nutrijent għall-wiċċ ikkunsidrat u għandu jqis id-disponibbiltà tal-fosfat fil-ħamrija. Ma għandux jintuża fosforu fil-fertilizzanti kimiċi fil-farms derogati.

4. Għandu jitħejja pjan ta' fertilizzazzjoni b'deskrizzjoni tan-newba tal-uċuħ tal-farm u tal-għoti ppjanat ta' demel u fertilizzanti minerali għall kull farm sal-15 ta' Frar l-aktar tard.

Il-pjan ta' fertilizzazzjoni għandu jinkludi dan li ġej:

(a) l-għadd ta' bhejjem, deskrizzjoni ta' kif jinżammu u tas-sistema tal-ħżin, inkluż il-volum u t-tip ta' ħżin disponibbli għad-demel;

(b) kalkolu tan-nitroġenu u fosforu fid-demel prodott fil-farm;

(c) id-deskrizzjoni tat-trattament tad-demel u tal-karatteristiċi tad-demel ipproċessat (jekk rilevanti);

(d) l-ammont, it-tip u l-karatteristiċi ta' demel fornut barra l-farm jew fil-farm;

(e) it-tinwib u l-erja tal-irqajja' tal-art b'uċuħ li jirrikjedu ħafna nitroġenu u staġun twil tat-tkabbir u rqajja' b'uċuħ oħra;

(f) ir-rendiment mistenni minn kull wiċċ ikkoltivat, skont in-nutriment u l-ilma disponibbli, kif ukoll il-kundizzjonijet lokali, bħall-klima, it-tip ta' ħamrija, eċċ.;

(g) il-ħtiġijiet stimati ta' nitroġenu u fosforu għal kull roqgħa art;

(h) kalkolu tan-nitroġenu u fosforu fid-demel li għandu jintuża f'kull roqgħa art;

(i) kalkolu tan-nitroġenu mill-fertilizzanti kimiċi li għandu jintuża f'kull roqgħa art;

(j) stima tal-ammont ta' ilma meħtieġ għall-irrigazzjoni u indikazzjoni preċiża tas-sors tal-ilma; l-awtorizzazzjoni għall-estrazzjoni tal-ilma jew il-kuntratt tal-użu tal-ilma mal-"konsorzju tal-ilma" rilevanti jew mappa li tindika li l-farm jinsab f'żoni fejn ilma ta' taħt l-art baxx imiss maż-żona tal-għeruq għandha tkun inkluża fil-pjan.

Il-pjanijiet għandhom jiġu riveduti sa mhux aktar tard minn sebat ijiem wara kwalunkwe bidla fil-prattiċi agrikoli sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-pjanijiet u l-prattiċi agrikoli attwali.

5. Kull farm għandu jżomm iżomm rendikont tal-fertilizzazzjoni għal kull roqgħa art. Dawn għandhom jinkludu l-ammonti u meta ngħataw id-demel u l-fertilizzanti kimiċi.

6. L-awtorizzazzjoni għall-estrazzjoni tal-ilma jew il-kuntratt tal-użu tal-ilma mal-"konsorzju tal-ilma" rilevanti jew mappa li tindika li l-farm jinsab f'żoni fejn ilma ta' taħt l-art baxx imiss maż-żona tal-għeruq għandha tkun disponibbli fil-farm. Fejn applikabbli, l-ammont ta' ilma awtorizzat jew kuntrattat għandu jkun biżżejjed biex jintlaħqu redimenti tal-uċuħ li jinkisbu f'kundizzjonijiet fejn ma jkunx hemm restrizzjonijiet fl-ilma.

7. Ir-riżultati tal-analiżi tan-nitroġenu u l-fosforu fil-ħamrija għandhom ikunu disponibbli għal kull farm li jibbenefika minn deroga. L-analiżi u t-teħid ta' kampjuni għandhom jitwettqu qabel l-1 ta' Ġunju u tal-anqas darba kull erba' snin għall-fosforu u n-nitroġenu għall kull erja omoġenja tal-farm, fir-rigward tat-tinwib u tal-karatteristiċi tal-ħamrija. Tkun meħtieġa, mill-anqas, analiżi waħda għal kull ħames ettari ta' art.

8. Id-demel tal-bhejjem użat fil-farms derogati għandu jkollu effiċjenza tal-użu ta' nitroġenu ta' mill-anqas 65 % għall-parti likwida u ta' 50 % għall-parti solida.

9. Id-demel mill-bhejjem u l-fertilizzanti kimiċi applikati fil-farms derogati ma jistax jintuża wara l-1 ta' Novembru.

10. Mill-inqas, żewġ terzi tal-ammont ta' nitroġenu mid-demel, għajr għall-nitroġenu mid-demel tal-bhejjem li jirgħu, għandu jintuża qabel it-30 ta' Ġunju ta' kull sena. Għal dan il-għan, il-farms li jibbenefikaw minn deroga għandhom ikollhom kapaċità adekwata ta' ħżin tad-demel tal-bhejjem, li tkun tista' tkopri tal-anqas il-perjodi li matulhom ma jkunx permess l-użu tad-demel.

11. Id-demel likwidu, inkluż id-demel ipproċessat u dak semilikwidu, għandu jiġi applikat permess ta' tekniki ta' applikazzjoni b'emissjonijiet baxxi. Id-demel solidu għandu jiġi inkorporat fi żmien 24 siegħa.

12. Sabiex jiġu protetti l-ħamrijiet mir-riskju ta' salinizzazzjoni, id-demel ipproċessat mingħajr nitroġenu għandu jkun permess biss fuq ħamrijiet mingħajr salinità jew b'salinità baxxa. Għal dak il-għan, il-bdiewa li jkollhom il-ħsieb li jużaw demel ipproċessat mingħajr nitroġenu, għandhom ikejlu l-konduttività elettrika fl-irqajja' fejn ser jintuża tal-anqas kull erba' snin u għandhom jinkludu r-riżultati fl-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1). L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu protokol li għandu jintuża mill-bdiewa biex ikejlu l-konduttività elettrika. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu mapep li juru ż-żoni f'riskju ta' salinizzazzjoni.

*Artikolu 7*

**Immaniġġjar tal-artijiet**

Il-bdiewa li jibbenefikaw minn deroga għandhom iżguraw li l-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati:

(a) 70 % jew aktar mill-erja tal-farm għandha tkun ikkoltivata b'uċuħ li jirrikjedu ħafna nitroġenu u staġun ta' tkabbir twil;

(b) il-mergħat temporanji għandhom jinħartu fir-rebbiegħa;

(c) il-pjanti leguminużi jew pjanti oħra li jipproċessaw in-nitroġenu atmosferiku fil-mergħat temporanji u permanenti ma għandhomx ikunu aktar minn 50 %;

(d) il-qamħirrum li jimmatura tard għandu jinħasad (il-pjanta kollha);

(e) il-ħxejjex tax-xitwa, bħalma huma s-sikrana Taljana, ix-xgħir, it-triticale jew is-segala tax-xitwa għandhom jinżergħu fi żmien ġimagħtejn wara l-ħsad tal-qamħirrun/sorgu u għandhom jinħasdu mhux qabel ġimagħtejn qabel ma jinżera' l-qamħirrun/sorgu;

(f) il-ħxejjex tas-sajf, bħalma huma l-qamħirrun, is-sorgu, is-Setaria jew il-Milju (Panicum) sp għandhom jinżergħu fi żmien ġimagħtejn wara l-ħsad taċ-ċereali tax-xitwa u għandhom jinħasdu mhux qabel ġimagħtejn qabel ma jinżergħu ċ-ċereali tax-xitwa;

(g) wiċċ li jirrikjedi ħafna nitroġenu għandu jinżergħa fi żmien ġimagħtejn wara l-ħrit u ma għandhomx jintużaw fertilizzanti fis-sena li fiha jsir il-ħrit tal-mergħa permanenti.

*Artikolu 8*

**Miżuri oħra**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li d-derogi li jingħataw għall-applikazzjoni ta' demel ipproċessat ikunu kompatibbli mal-kapaċità tal-impjanti tat-trattament tad-demel.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li kull deroga mogħtija tkun kompatibbli mal-użu awtorizzat tal-ilma fil-farm li jibbenefika mid-deroga.

*Artikolu 9*

**Miżuri għat-trasport tad-demel**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li t-trasport tad-demel tal-bhejjem minn u lejn il-farms li jibbenefikaw minn deroga jiġi rreġistrat permess ta' sistemi ta' lokalizzazzjoni ġeografika jew li jiġi rreġistrat fid-dokumenti ta' akkumpanjament u jiġi speċifikat il-post tal-oriġini u d-destinazzjoni. Ir-reġistrazzjoni permezz ta' sistemi ta' lokalizzazzjoni ġeografika hija obbligatorja għal vjaġġi li jkopru distanzi itwal minn 30 km.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li waqt il-vjaġġ ikun disponibbli dokument li jispeċifika l-ammont ta' demel trasportat u l-kontentut ta' nitroġenu u fosforu tiegħu.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li d-demel ipproċessat u l-partijiet solidi li jirriżultaw mit-trattament tad-demel jiġu analizzati għall-kontenut tagħhom ta' nitroġenu u fosforu. L-analiżi għandha titwettaq minn laboratorji rikonoxxuti. Ir-riżultati tal-analiżi għandhom jiġu kkomunikati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-bidwi li jkun ser jirċievi d-demel. Għandu jkun disponibbli ċertifikat tal-analiżi waqt kull vjaġġ.

*Artikolu 10*

**Monitoraġġ**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li kull sena jitħejjew u jiġu aġġornati l-mapep li juru l-perċentwali tal-farms, il-perċentwali ta' bhejjem, il-perċentwali ta' art agrikola koperta b'deroga individwali u mapep li juru l-użu tal-art lokali għal kull muniċipalità. Għandha tinġabar u tiġi aġġornati kull sena dejta dwar it-tinwib u l-prattiki agrikoli fil-farms li jibbenefikaw minn derogi.

2. Għandu jiġi stabbilit u miżmum netwerk ta' monitoraġġ għat-teħid ta' kampjuni tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma taħt l-art baxx sabiex jiġi valutat l-impatt tad-deroga fuq il-kwalità tal-ilma. L-abbozz tan-netwerk ta' monitoraġġ għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni. L-ammont ta' siti mmonitorjati inizjalment ma jistax jitnaqqas u l-lokalità tas-siti ma tistax tinbidel matul il-perjodu tal-applikabbiltà ta' din id-Deċiżjoni.

3. Għandu jitwettaq monitoraġġ tal-ilma aktar bir-reqqa fiż-żoni agrikoli li jinsabu qrib il-mases tal-ilma l-aktar vulnerabbli u li għandhom jiġu identifikati mill-awtoritajiet kompetenti.

4. Għandhom jiġu stabbiliti siti ta' monitoraġġ, sabiex tkun provduta dejta dwar il-konċentrazzjoni ta' nitroġenu u fosforu fl-ilma tal-ħamrija, dwar in-nitroġenu minerali fil-profil tal-ħamrija u t-telf korrispondenti ta' nitroġenu u fosforu li jgħaddi miż-żona tal-għeruq għal ġol-ilma ta' taħt l-art, kif ukoll it-telf ta' nitroġenu u fosforu minn tnixxija fuq u taħt wiċċ l-art, kemm jekk taħt kundizzjonijiet ta' deroga kif ukoll jekk le. Is-siti ta' monitoraġġ għandhom jinkludu t-tipi ewlenin ta' ħamrija, il-prattiki ta' fertilizzazzjoni u l-uċuħ. L-abbozz tan-netwerk ta' monitoraġġ għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni. L-ammont ta' siti mmonitorjati inizjalment ma jistax jitnaqqas u l-lokalità tas-siti ma tistax tinbidel matul il-perjodu tal-applikabbiltà ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 11*

**Verifika**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-applikazzjonijiet kollha għal deroga jitressqu għal kontroll amministrattiv. Meta l-kontroll juri li l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikoli 5, 6 u 7 ma ġewx issodisfati, l-applikant għandu jiġi mgħarraf b'dan. F'dan il-każ, l-applikazzjoni għandha titqies miċħuda.

2. Għandu jkun stabbilit programm ta' spezzjonijiet fuq il-post ibbażat fuq l-analiżi tar-riskju, ir-riżultati tal-kontrolli tas-snin ta' qabel u r-riżultati ta' kontrolli ġenerali aleatorji tal-leġiżlazzjoni li timplimenta d-Direttiva 91/676/KEE. L-ispezzjonijiet fuq il-post għandhom ikopru mill-anqas 5 % tal-farms li jibbenefikaw minn deroga fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 5, 6 u 7 ta' din id-Deċiżjoni.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li jsiru kontrolli fuq il-post fuq mill-inqas 1 % tal-operazzjonijiet tat-trasport tad-demel, abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju u tar-riżultati tal-kontrolli amministrattivi msemmija fil-paragrafu 1. Il-kontrolli għandhom jinkludu, tal-anqas valutazzjoni tad-dokumenti ta' akkumpanjament, il-verifika tal-oriġini u tad-destinazzjoni tad-demel u t-teħid ta' kampjuni mid-demel trasportat.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw is-setgħat u l-mezzi meħtieġa biex jivverifikaw il-konformità ma' din id-Deċiżjoni. Fejn il-verifiki jindikaw nuqqas ta' konformità ma' din id-Deċiżjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-azzjoni meħtieġa ta' rimedju. Partikolarment bdiewa li ma jikkonformawx mal-Artikoli 5, 6 u 7 għandhom jiġu esklużi mid-deroga s-sena ta' wara.

*Artikolu 12*

**Rappurtar**

L-awtoritajiet kompetenti għandhom, sa Diċembru ta' kull sena u sa Settembru għas-sena 2015, jissottomettu għand il-Kummissjoni rapport li jkun fih l-informazzjoni li ġejja:

(a) evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tad-deroga, abbażi ta' kontrolli fil-livell ta' farm kif ukoll tal-kontrolli fuq it-trasport tad-demel u l-informazzjoni dwar il-farms li ma jkunux konformi, abbażi tar-riżultati tal-ispezzjonijiet amministrattivi u ta' fuq il-post;

(b) informazzjoni dwar it-trattament tad-demel, inkluż aktar ipproċessar u użu tal-partijiet solidi, u jipprovdu dejta dettaljata dwar il-karatteristiċi tas-sistemi ta' trattament, l-effiċjenza tagħhom u l-kompożizzjoni tad-demel ipproċessat, kif ukoll dwar id-destinazzjoni finali tal-partijiet solidi;

(c) mapep li juru żoni b'kontenut baxx ta' materja organika, kif ukoll il-miżuri li ttieħdu sabiex jitħeġġeġ l-użu tal-partijiet solidi stabbilizzati f'ħamrijiet b'kontenut baxx ta' materja organika, kif imsemmi fl-Artikolu 5(2);

(d) il-metodoloġiji għall-valutazzjoni tal-kompożizzjoni tad-demel ipproċessat, il-varjazzjonijiet fil-kompożizzjoni u l-effiċjenza tat-trattament għal kull farm li jibbenifika minn deroga individwali, imsemmija fl-Artikolu 5(3);

(e) l-inventarju tal-ammonja u ta' emissjonijiet oħra mit-trattament tad-demel kif imsemmi fl-Artikolu 5(4);

(f) il-protokol stabbilit biex titkejjel il-konduttività elettrika u l-mapep li juru ż-żoni affettwati mis-salinizzazzjoni, imsemmija fl-Artikolu 6(12);

(g) il-metodoloġiji għall-verifika tal-kompatibbiltà tad-derogi mogħtija mal-kapaċità tal-impjanti tat-trattament tad-demel, imsemmija fl-Artikolu 8(1);

(h) il-metodoloġiji għall-verifika tal-kompatibbiltà ta' kull deroga mogħtija mal-użu awtorizzat tal-ilma fil-farm li qed jibbenifika mid-deroga imsemmija fl-Artikolu 8(2);

(i) mapep li juru l-perċentwali tal-farms, il-perċentwal tal-bhejjem, il-perċentwal tal-art agrikola koperta minn derogi individwali u mapep li juru l-użu tal-art lokali, kif ukoll dejta dwar it-tinwib u l-prattiki agrikoli fil-farms derogati, imsemmija fl-Artikolu 10(1);

(j) ir-riżultati tal-monitoraġġ tal-ilma, fosthom informazzjoni dwar ix-xejriet tal-kwalità tal-ilmijiet ta' taħt l-art u tal-wiċċ, kif ukoll l-impatt tad-deroga fuq il-kwalità tal-ilma kif imsemmi fl-Artikolu 10(2);

(k) il-lista tal-mases tal-ilma l-aktar vulnerabbli, imsemmija fl-Artikolu 10(3);

(l) sommarju u evalwazzjoni tad-dejta miksuba mis-siti tal-monitoraġġ imsemmija fl-Artikolu 10(4);

*Artikolu 13*

**Applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika flimkien mar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-programmi ta' azzjoni fl-Emilia Romagna (Deċiżjoni nru 1273/2011 5.09.2011), il-Lombardia (Deċiżjoni nru IX/2208 14.09.2011), il-Piemonte (Deċiżjoni 18-2612 19.09.2011) u l-Veneto (Deċiżjoni nru 1150 26.07.2011).

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2015.

*Artikolu 14*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kummissjoni*

Janez POTOČNIK

*Membru tal-Kummissjoni*

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT